

RIVISTA TAL-EUROPOL

Rapport Ġenerali dwar l-Attivitajiet tal-Europol



RIVISTA TAL-EUROPOL

Rapport Ġenerali dwar l-Attivitajiet tal-Europol



© L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija, 2011

Il-pubblikazzjoni tkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2010

Id-drittijiet kollha riservati. Ir-riproduzzjoni fi kwalunkwe forma jew bi kwalunkwe mezzi hija awtorizzata biss wara li jingħata l-permess minn qabel tal-Europol.

Editur: Agnieszka Biegaj

Ritratt fuq il-qoxra: Fotolia

Ringrazzjament speċjali lill-fotografi kollha, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-UE u l-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Europol għall-kontribuzzjonijiet tagħhom.

Werrej

Daħla 5

1. Dwar l-Europol 7
   1.1. Missjoni, prijoritajiet u viżjoni 7
   1.2. Riżorsi 8

2. Kif jaħdem l-Europol 9
   2.1. Netwerk ta' uffiċjali ta' kollegament tal-Europol 10
   2.2. Infrastruttura ta' komunikazzjoni sikura 10
   2.3. Is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol 11
   2.4. L-Applikazzjoni ta' Netwerk għall-Iskambju ta' Informazzjoni Sigura 12
   2.5. Sistema ta' analiżi 14
   2.6. Ċentru tal-UE għall-kompetenza fl-infurzar tal-liġi 20
   2.7. Protezzjoni tad-data 22

3. Attivitajiet operattivi tal-Europol 25
   3.1. Terroriżmu 27
   3.2. Drogi 30
   3.3. Traffikar tal-bnedmin 33
   3.4. Sfruttament sesswali tat-tfal 36
   3.5. Immigrazzjoni illegali ffaċilitata 39
   3.6. Il-falsifikazzjoni tal-euro 41
   3.7. Frodi tal-kards ta' pagament 44
   3.8. Kriminalità ta' teknoloġija avvanzata 47
   3.9. Kriminalità tal-proprjetà intellettwali 49
   3.10. Frodi tal-VAT fl-UE 51
   3.11. Ħasil tal-flus 52

4. Il-firxa tal-Europol 55
   4.1. Aġenziji tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri tal-UE 55
   4.2. Il-kooperazzjoni esterna tal-Europol 56

5. Nimxu 'l quddiem 59
   5.1. Strateġiji u għanijiet 59
   5.2. Ħarsa 'l quddiem 59

Daħla


© Europol

Merħba fir-*Rivista tal-Europol — Rapport Ġenerali dwar l-Attivitajiet tal-Europol*, li tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-ħidma tal-Europol fl-2010.

Din il-pubblikazzjoni għandha l-għan li tispjega l-kontribuzzjoni tal-Europol fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu fl-Ewropa u, fl-istess ħin, tissodisfa l-obbligu tagħha li tippreżenta rapport ġenerali annwali fuq l-attivitajiet skont l-Artikolu 37(10)(c) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Europol. Ir-*Rivista tal-Europol — Rapport Ġenerali dwar l-Attivitajiet tal-Europol* hija ppreżentata lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-approvazzjoni u l-Kunsill jibgħatha lill-Parlament Ewropew għall-informazzjoni. Barra minn hekk, id-disseminazzjoni tar-*Rivista tal-Europol* lill-pubbliku ġenerali, megħjuna mid-diskussjoni tagħha fil-Parlament Ewropew, tgħin sabiex l-attivitajiet tal-Europol ikunu aktar trasparenti.

Mat-tmiem tal-2010, l-Europol lesta l-ewwel sena tiegħu bħala aġenzija tal-UE żviluppata b'mod sħiħ, u kompla l-missjoni tiegħu li jappoġġja lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' kriminalità internazzjonali serja u t-terroriżmu. Is-sena 2010 rat l-adozzjoni tal-istrateġija tas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea. L-Europol kellu rwol attiv fil-produzzjoni tal-istrateġija u huwa ħerqan biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni b'suċċess tagħha.

L-istrateġija tas-sigurtà interna tal-UE tipprevedi rwol ċentrali għall-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija. Dan se jagħti lill-Europol l-opportunità biex jaqdi aħjar il-mandat tiegħu li jipprovdi appoġġ operattiv għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Fil-qalba tal-istrateġija hemm l-idea ta' mudell ta' sigurtà Ewropea miftiehem ibbażat fuq żamma tal-ordni bbażata fuq l-intelligence. Dan se jgħin sabiex jiddefinixxi l-prijoritajiet komuni tal-UE u jifhmu aħjar it-theddid għas-sigurtà interna tal-UE. Iż-żamma tal-ordni bbażata fuq l-intelligence kien kunċett ewlieni u sottostanti fl-attivitajiet kollha ta' valutazzjoni strateġika tal-Europol. Il-Kunsill diġà ddeċieda dwar il-qafas ta' ċiklu ta' politika tal-UE ġdid li se jagħti effett prattiku lill-aspirazzjonijiet tal-istrateġija.

Fl-2010, wara l-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-Programm għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2010, ġie assenjat rwol ewlieni lill-Europol bħala l-korp responsabbli mill-verifika ta' talbiet tal-Istati Uniti lil fornituri nnominati ta' messaġġi finanzjarji fi ħdan l-Unjoni Ewropea. L-għan ta' din il-kollaborazzjoni ġdida bejn l-Istati Uniti u l-UE huwa li jidentifika, jintraċċa u jsegwi l-finanzi tat-terroriżmu.

Is-sena li ġejja se tkun ugwalment dinamika għall-Europol. Waħda mill-ewwel prijoritajiet tagħna se tkun li jiġi implimentat programm imtejjeb ta' mudell Ewropew ta' intelligence kriminali li se jibda mal-pubblikazzjoni li jmiss tal-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Organizzata (OCTA) tal-UE f'Mejju 2011 u fil-formulazzjoni tal-prijoritajiet tal-kriminalità organizzata mill-Kunsill tal-UE. Se nibdew ukoll infasslu mill-ġdid il-valutazzjoni strateġika tagħna biex tinkludi l-kunċett tal-Valutazzjoni ta' Theddida mill-Kriminalità Serja u Organizzata li se tiġi mnedija għall-ewwel darba fl-2013.

L-Europol żied il-momentum fl-iżvilupp dinamiku tiegħu matul l-aħħar snin u l-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol qed jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea sabiex iwettaq evalwazzjoni koerenti u indipendenti tal-prestazzjoni tal-aġenzija taħt is-sistema legali ġdida tiegħu.

It-tfixkil tan-netwerks internazzjonali kriminali u terroristi jibqa' l-kompitu ewlieni u l-aktar wieħed importanti tal-Europol. L-Europol se jkompli jappoġġja lill-Istati Membri fl-investigazzjonijiet, l-attivitajiet operattivi u l-proġetti tagħhom sabiex jirrispondu biex jindirizzaw dan it-theddid.


Rob Wainwright
Direttur tal-Europol

1. Dwar l-Europol

1.1. Missjoni, prijoritajiet u viżjoni

Bħala l-aġenzija tal-infurzar tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, il-missjoni tal-Europol hija li jappoġġja lill-Istati Membri tagħha fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' kriminalità internazzjonali serja u t-terroriżmu. Ir-rwol tiegħu huwa li jgħin biex tinkiseb Ewropa aktar sikura għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tal-UE billi jappoġġja lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE permezz tal-iskambju u l-analiżi ta' intelligence kriminali.

In-netwerks kriminali u terroristiċi fuq skala kbira huma ta' theddida sinifikanti għas-sigurtà interna tal-UE u għas-sigurtà u l-għixien tan-nies tagħha. L-akbar theddid għas-sigurtà ġej mit-terroriżmu, it-traffikar internazzjonali tad-drogi, it-traffikar tal-bnedmin, il-falsifikazzjoni tal-munita tal-euro u tal-kards ta' pagament, il-frodi, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, kif ukoll attivitajiet oħra marbuta mal-preżenza ta' gruppi ta' kriminalità organizzata fl-ekonomija. Perikli ġodda qed jakkumulaw ukoll, fil-forma taċ-ċiberkriminalità, il-frodi tal-VAT u reati sofistikati oħrajn li jabbużaw it-teknoloġija moderna u l-libertajiet offruti mis-suq intern tal-UE. Dawn kollha ġew iddikjarati oqsma ta' prijorità mill-Kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea.



Hubs kriminali kif definiti mill-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Organizzata tal-UE.

Imsaħħaħ permezz ta' riforma fil-mandat u l-kapaċitajiet tiegħu fl-2010, l-Europol huwa pijunier ta' rispons ġdid għal dawn il-perikli.

Il-viżjoni tal-Europol hi li jikkontribwixxi għal Ewropa aktar sigura billi jipprovdi l-aħjar appoġġ possibbli lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri. Huwa se jikseb dan billi jipprovdi sett uniku ta' servizzi operattivi għall-Unjoni Ewropea, li jiżviluppa bħala:

- iċ-ċentru ta' appoġġ għall-operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi;
- il-hub kriminali ta' informazzjoni; u
- iċ-ċentru ta' kompetenza fl-infurzar tal-liġi ewlenin.

Is-sena 2010 rat l-adozzjoni tal-istrateġija tas-sigurtà interna tal-UE, li hija dokument vitali li jfassal il-politika tal-UE fit-tul fil-qasam tal-infurzar tal-liġi. L-istrateġija tas-sigurtà interna tispjega l-aspetti differenti tal-politika Ewropea dwar is-sigurtà interna u telenka linji gwida strateġiċi għall-azzjoni. L-istrateġija ġiet supplimentata mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ([1]), maħsuba biex trawwem l-implimentazzjoni tal-istrateġija. Din tidentifika ħames objettivi fil-qasam tas-sigurtà. Tlieta minnhom — jiġifieri t-tfixkil tan-netwerks kriminali, il-prevenzjoni tat-terroriżmu u s-sigurtà taċ-ċiberspazju — huma koperti b'mod estensiv mill-mandat tal-Europol. Azzjonijiet konkreti proposti mill-Kummissjoni sabiex jintlaħqu l-objettivi huma tassew mera tal-oqsma ta' kompetenza stabbiliti sew tal-Europol.


Iż-żewġ dokumenti jagħtu lill-Europol rwol sinifikanti ta' implimentazzjoni u jipprovdu opportunità sinifikanti għal aktar żvilupp fis-snin li ġejjin. Id-dokumenti jinvolvu żamma tal-ordni bbażata fuq l-intelligence bħala wieħed mill-kunċetti ewlenin. Barra minn hekk, l-istrateġija tidentifika b'mod korrett ir-rwol tal-Europol, billi tiddikjara li l-għanijiet prinċipali tiegħu huma li jiġbor u jiskambja l-informazzjoni

([1]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill 'L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura' (KUMM(2010) 673 finali).

u li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda tagħhom kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Hija tissottolinja wkoll ir-rwol tal-Europol bħala fornitur ta' valutazzjonijiet regolari ta' theddid.

Fl-2010, sar stħarriġ fuq l-Internet dwar is-sodisfazzjoni tal-utent minn fornitur estern, EPSI Rating. Ir-riżultati tal-istħarriġ indikaw livelli dejjem ogħla ta' sodisfazzjon bil-Europol. Il-punteġġi rreġistrati f'kull qasam, minbarra wieħed, kienu l-ogħla li qatt inkisbu mill-introduzzjoni tal-istħarriġ tal-utent tal-Europol fl-2002. Is-57 prodotti kollha tal-Europol ġew evalwati b'mod pożittiv.

Il-Perċezzjoni tal-Europol mill-utenti tiegħu



Sors: L-istħarriġ dwar l-utenti tal-Europol tal-2010.

1.2. Riżorsi

L-Europol juża l-kapaċitajiet uniċi tiegħu ta' informazzjoni u l-kompetenza ta' persunal ta' 698 persuna, inklużi 100 analisti, sabiex jidentifika u jsegwi l-aktar netwerks kriminali u terroristiċi perikolużi fl-Ewropa. L-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, rappreżentati fl-Europol minn 129 uffiċjal ta' kollegament tal-Europol li jaħdmu flimkien maċ-ċentru ta' servizz operattiv ta' sigurtà għolja tal-Europol u d-databases sikuri tiegħu 24 siegħa kuljum, irnexxielhom ifixklu ħafna netwerks kriminali u terroristiċi, jarrestaw eluf ta' kriminali perikolużi, jirkupraw miljuni ta' euro u jsalvaw mijiet ta' vittmi ta' reati, inklużi tfal traffikati.

Fatti bażiċi dwar l-Europol (2010)

- Kwartieri Ġenerali: L-Aja, il-Pajjiżi l-Baxxi
- Persunal: 698 persuna tal-persunal fil-kwartieri ġenerali, inklużi 129 uffiċjal ta' kollegament tal-Europol
- Baġit: EUR 92.8 miljun
- Manutenzjoni: 27 Stat Membru tal-UE, 500 miljun ċittadin tal-UE
- Appoġġ: 12,000 investigazzjoni transkonfinali tal-infurzar tal-liġi

Fl-2010, l-Europol sar aġenzija tal-UE u, minn dakinhar, kien iffinanzjat mill-baġit tal-UE. Il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol, il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew kollha għandhom rwol fl-istabbiliment tal-baġit tal-Europol. Inizjalment, il-baġit tal-Europol għall-2010 kien ta' EUR 80.1 miljun. Sabiex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni biex isir aġenzija, l-approprjazzjonijiet trasferiti mill-2009 għall-2010 ġew integrati fil-baġit tal-2010. Barra minn hekk, għotjiet mill-Kummissjoni u xi dħul addizzjonali ġew miżjuda mal-baġit. L-ammont addizzjonali involut jammonta għal kważi EUR 12.7 miljun, u b'hekk it-total emendat tal-baġit tal-2010 huwa EUR 92.8 miljun.

2. Kif jaħdem l-Europol



© Fabiana Scarazzato

Il-gruppi internazzjonali kriminali u terroristiċi joperaw fid-dinja kollha billi jużaw l-aktar teknoloġiji riċenti. Sabiex jiżgura rispons effettiv u kkoordinat, l-Europol jeħtieġ ikun ugwalment flessibbli u innovattiv, u jiżgura li l-metodi u l-għodod tiegħu jkunu aġġornati. L-Europol għandu databases u kanali ta' komunikazzjoni tal-aqwa kwalità, li joffru faċilitajiet ta' malajr u sikuri għall-ħażna, it-tiftix, il-viżwalizzazzjoni, l-analiżi u l-konnessjoni ta' informazzjoni prinċipali. Il-ġbir, l-analiżi u d-disseminazzjoni ta' din l-informazzjoni jinvolvu l-iskambju ta' kwantitajiet kbar ta' data personali. Fit-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet, l-Europol josserva l-ogħla standards ta' protezzjoni tad-data u ta' sigurtà tad-data.

Id-databases u s-servizzi kollha tal-Europol huma disponibbli 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. Aħna nibagħtu wkoll esperti u nagħmlu s-servizzi tagħna disponibbli permezz ta' uffiċċju mobbli fuq il-post, kull meta jkun meħtieġ minn Stat Membru.

Iċ-Ċentru Operattiv tal-Europol 24 siegħa kuljum


Iċ-ċentru operattiv tal-Europol 24 siegħa kuljum huwa l-uniku punt għall-iskambju tad-data bejn il-Europol, l-Istati Membri u l-partijiet terzi. Iċ-ċentru operattiv iwettaq ħames rwoli importanti:

- Servizz ċentralizzat ta' kontroverifika: id-data li tidħol tiġi kontroverifikata malajr mad-data eżistenti kollha. L-informazzjoni operattiva tiġi pproċessata fis-sistema tal-Europol billi jintużaw reġistri ta' ħidma ta' analiżi (AWFs), li jiffukaw fuq żona partikolari ta' kriminalità. Jekk ikun hemm hits minn għadd ta' AWFs, din l-informazzjoni tiġi kkonsolidata f'rapport analitiku wieħed, u reazzjonijiet rapidi, li jenfasizzaw ir-rabtiet, jingħataw lill-parti fornitriċi sabiex b'hekk tendenzi ġodda u żviluppi fil-pajsaġġ tal-kriminalità tal-UE jistgħu jiġu identifikati.
- Il-bażi legali l-ġdida tal-Europol tagħmel possibbli l-ipproċessar ta' data personali sabiex jiġi determinat jekk tali data hijiex rilevanti għall-kompiti tal-Europol u tistax tiġi inkluża fis-Sistema ta' Informazzjoni Europol jew fir-reġistri ta' ħidma ta' analiżi.
- Appoġġ tal-analiżi f'każi "tematiċi": każi u data li jaqsmu diversi proġetti eżistenti ta' analiżi issa jistgħu jiġu analizzati fil-pront mill-Europol.
- Komunikazzjoni minn partijiet terzi: iċ-ċentru operattiv jipproċessa l-iskambju kollu ta' informazzjoni ma' partijiet terzi, filwaqt li jiżgura li d-data tintbagħat lill-proġett korrett għall-ipproċessar ulterjuri, u li l-fornitur oriġinali jirċievi risposta f'waqtha u preċiża.
- Appoġġ għall-pulizija f'avvenimenti ewlenin: iċ-ċentru operattiv jikkoordina l-appoġġ li l-Europol jista' jipprovdi għall-pulizija f'avvenimenti ewlenin, jiġifieri dawk il-laqgħat sportivi, ekonomiċi, politiċi jew kulturali internazzjonalment prominenti li jippreżentaw mira jew opportunità għall-kriminalità u t-terroriżmu.

2.1. Netwerk ta' uffiċjali ta' kollegament tal-Europol

L-uffiċjali ta' kollegament tal-Europol jiżguraw rabta ħajja bejn il-kwartieri ġenerali tal-Europol fl-Aja u 27 Unità Nazzjonali tal-Europol fl-ibliet kapitali nazzjonali tal-Istati Membri. Dan huwa netwerk uniku ta' 126 uffiċjal ta' kollegament li għandu rwol importanti fl-attivitajiet ta' kuljum tal-infurzar tal-liġi billi jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll jipprovdi appoġġ u koordinazzjoni għall-investigazzjonijiet li għaddejjin. L-Europol jospita wkoll uffiċjali ta' kollegament minn 10 pajjiżi mhux fl-UE u organizzazzjonijiet li jaħdmu flimkien mal-Europol fuq il-bażi ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni. Dan in-netwerk huwa appoġġjat minn mezzi sikuri ta' komunikazzjoni pprovduti mill-Europol. Barra minn hekk, l-Europol issekonda żewġ uffiċjali ta' kollegament lejn Washington DC u wieħed lejn il-kwartieri ġenerali tal-Interpol f'Lyon.


© Fotolia



© Fotolia

2.2. Infrastruttura ta' komunikazzjoni sikura

Sabiex jappoġġja l-operazzjonijiet tiegħu u jipprovdi firxa li dejjem qiegħda tikber ta' servizzi operattivi u strateġiċi lill-Istati Membri, lil pajjiżi mhux fl-UE u lil partijiet terzi, l-Europol kontinwament iżomm u jiżviluppa infrastruttura teknikament avvanzata, affidabbli, effiċjenti u sikura ta' telekomunikazzjoni.

Is-sinsla tal-infrastruttura tal-Europol hija n-netwerk tiegħu, li jgħaqqad lill-Istati Membri u numru li dejjem jikber ta' stati mhux fl-UE u partijiet terzi li magħhom l-Europol stabbilixxa ftehimiet ta' kooperazzjoni. Matul l-2010, saru erba' konnessjonijiet ġodda tan-netwerk ta' stati li mhumiex fl-UE, kif ukoll erba' promozzjonijiet li jiżguraw is-servizzi extranet.

Is-sigurtà tal-infrastruttura tan-netwerk hija ta' tħassib ewlieni għall-Europol, peress li s-sigurtà tal-aqwa kwalità hija l-bażi għaż-żamma tal-fiduċja fost il-partijiet kollha li jaqsmu l-informazzjoni u intelligence ma' u permezz tal-Europol.

Operazzjoni Phantom

Fi Frar 2010, l-Europol għen lill-pulizija Ġermaniża fl-arrest ta' ħames faċilitaturi ta' immigrazzjoni illegali, inklużi tliet persuni suspettati prinċipali. Matul l-operazzjoni, l-investigaturi wettqu tiftix fi 18-il post f'Berlin, Brandenburg u Sachsen. Minbarra materjal ta' prova, aktar minn EUR 55 000 fi flus kontanti, diversi kompjuters, arma tal-idejn u kokaina ġew issekwestrati. Instabu disa' immigranti illegali mill-Vjetnam matul it-tiftix fid-djar.


© Bernhard Gorholt

L-investigazzjonijiet, appoġġjati mill-Europol, iffokaw fuq aktar minn 20 persuna suspettata li daħħlu immigranti illegali bil-kuntrabandu b'"garanzija" li l-immigranti jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom, anki meta tentattivi preċedenti ta' kuntrabandu ma kinux irnexxew. Il-prezz mitlub għall-vjaġġ kollu kien madwar EUR 10 000 u kien idum minn ftit ġranet sa diversi ġimgħat. Il-familji tal-immigranti illegali ħafna drabi jkunu biegħu l-proprjetà jew l-assi tagħhom sabiex jiffinanzjaw il-vjaġġ.

F'xi każi l-immigranti biegħu prodotti illegalment, bħal sigaretti, sabiex jiffinanzjaw il-vjaġġ tagħhom lejn l-Ewropa tal-Punent — l-aktar Franza u r-Renju Unit. Skont ir-rapporti minn uħud mill-immigranti mdaħħla bil-kuntrabandu, ir-Renju Unit huwa meqjus bħala d-destinazzjoni ideali mill-Vjetnamiżi peress li dawn jistgħu jaqilgħu l-flus faċilment bħala ġardinara li jieħdu ħsieb u jipproteġu l-pjantazzjonijiet illegali tal-kannabis.

Din l-investigazzjoni kellha fil-mira netwerk kriminali li jopera madwar l-Ewropa. Ir-Repubblika Ċeka, Franza, l-Ungerija, is-Slovakkja u r-Renju Unit wettqu investigazzjonijiet paralleli. Aktar minn 250 investigatur mill-Pulizija Federali tal-Ġermanja u mill-Pulizija ta' Berlin ħadu sehem f'din l-operazzjoni estensiva.

Esperti tal-Europol kienu preżenti fiċ-ċentru operattiv ta' koordinazzjoni biex jipprovdu kompetenza teknika u appoġġ ta' analiżi operattiv, minħabba l-kwantità kbira ta' tiftix imwettaq fid-djar. Matul il-fażi ta' investigazzjoni, l-Europol ħejja diversi rapporti ta' intelligence u ffaċilita l-iskambju ta' intelligence, li rriżulta wkoll fl-iskoperta ta' konnessjonijiet kriminali ġodda.

2.3. Is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol

L-għan ewlieni tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS) huwa li jsib qbil fost id-data mogħtija minn Stati Membri u partijiet terzi differenti.

Il-Ġermanja pprovdiet ħafna mid-data fis-sistema, segwita minn Franza, il-Belġju, l-Europol (f'isem partijiet terzi) u Spanja. Għandu jiġi osservat li l-maġġoranza kbira ta' data fl-EIS hija mdaħħla permezz ta' sistemi awtomatizzati ta' inseriment ta' data.

Verżjoni ġdida tas-sistema ġiet skjerata fil-bidu tal-2010. L-aktar bidla importanti kienet l-infurzar awtomatizzat tal-kodiċi ta' trattament. Dan jagħti lill-Istati Membri l-opportunità li jaqsmu l-informazzjoni aktar sensittiva taħt kundizzjonijiet ottimi għall-protezzjoni

tad-data tagħhom. Barra minn hekk, sar progress sinifikanti biex jappoġġja l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tas-sistemi ta' inseriment awtomatizzati tad-data. Fl-2010, il-Polonja u r-Renju Unit implimentaw is-sistemi ta' inseriment awtomatizzat tad-data tagħhom. In-numru totali ta' Stati Membri li issa għandhom il-kapaċità li jinserixxu awtomatikament id-data fis-sistemi tal-Europol żdied għal 12. Bosta pajjiżi oħrajn qed jippreparaw biex jimplimentaw din l-għodda.

Is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (Diċembru 2010)

Kontenut:
- 174 459 oġġett
- 35 585 entitajiet ta' "persuni"

Apparagun ma' Diċembru 2009, in-numru ta' oġġetti fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol żdied bi 28 %.

Oqsma ewlenin ta' kriminalità:
- Traffikar tad-droga, 26 % tal-oġġetti kollha
- Traffikar tal-bnedmin, 24 %
- Falsifikazzjoni tal-flus, 20 %
- Serq, 9 %
- Frodi u imbrolju, 4 %

Użu:
- Saru 137 339 inseriment ta' data ġdida fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol fl-2010
- Saru 147 345 tfittxija fis-sistema fl-2010

Kodiċi ta' trattament

Il-kodiċi ta' trattament huma mezz ta' protezzjoni ta' sors ta' informazzjoni. Il-kodiċi jiżguraw is-sigurtà tal-informazzjoni u l-ipproċessar sikur u adegwat tagħha, skont ix-xewqat tas-sid tal-informazzjoni, u b'rispett sħiħ għar-regoli legali nazzjonali tal-Istati Membri. Il-kodiċi ta' trattament jindikaw x'jista' jsir bl-informazzjoni mogħtija u min ikollu aċċess għaliha fil-futur.

2.4. L-Applikazzjoni ta' Netwerk għall-Iskambju ta' Informazzjoni Sigura


L-Applikazzjoni ta' Netwerk għall-Iskambju ta' Informazzjoni Sigura (is-SIENA) hija għodda tal-ġenerazzjoni li jmiss maħsuba biex tippermetti l-komunikazzjoni rapida, sikura u faċli għall-utent u l-iskambju ta' informazzjoni operattiva u strateġika marbuta mal-kriminalità u intelligence bejn l-Europol, l-Istati Membri u partijiet terzi li għandhom ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Europol.

Skambju ta' informazzjoni permezz tas-SIENA (2010)

- 11, 738 każ ġdid ġew mibdija, medja fix-xahar ta': 978 à żieda ta' 12 % apparagun mal-2009
- 29 % tal-każi ġodda kienu marbuta mad-drogi, segwiti mill-frodi u l-imbrolju (16 %), falsifikazzjoni tal-flus (13 %), immigrazzjoni illegali (9 %) u mezzi frodulenti oħra ta' ħlas (8 %)
- 250 978 messaġġ operattiv ġew skambjati inklużi l-Istati Membri, l-Europol u partijiet terzi; medja fix-xahar ta' 20 940

Is-SIENA ilha tintuża mill-1 ta' Lulju 2009. Fid-disinn u l-funzjonament tas-SIENA, tpoġġiet enfasi sinifikanti fuq il-protezzjoni tad-data u l-kunfidenzjalità, sabiex tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti legali kollha. Bl-istess mod, is-sigurtà hija meqjusa vitali u ttieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex isir l-iskambju sikur ta' informazzjoni ristretta. Barra minn hekk, ġiet ikkunsidrata l-aħjar prattika fl-iskambju ta' informazzjoni għall-infurzar tal-liġi, bħall-affidabbiltà u l-użu ta' kodiċi ta' trattament u ta' evalwazzjoni li jispeċifikaw il-kondizzjonijiet għall-użu.

Mill-bidu nett is-SIENA kienet maħsuba biex tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn l-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol, l-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Istati Membri u l-Europol. Fl-2010, is-SIENA ġiet aġġustata sabiex tkun tista' tiġi estiża għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE u għas-sħab ta' kooperazzjoni bħall-Eurojust, l-Interpol, l-Awstralja, il-Kanada, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika. L-aċċess qed jiġi introdott bħalissa, u se jinkludi taħriġ u estensjonijiet ta' netwerk sikur.



L-Europol jiżgura skambju sikur ta' informazzjoni marbuta mal-kriminalità permezz tas-SIENA.

Kummenti minn utenti esterni tas-SIENA

"Dan huwa prodott tajjeb ħafna b'titjib pjuttost sinifikanti."
(Franza)

"Il-funzjonijiet ta' tiftix avvanzat u statistika se jkunu utli ħafna għalina …"
(Franza)

"Jogħġbuni l-karatteristiċi tat-tiftix u l-istatistika, huma kollha riċenti ħafna u, fl-aħħar mill-aħħar, żviluppi tajbin …"
(L-Isvezja)

"SIENA 2.0 hija mtejba apparagun mal-ewwel verżjoni."
(Il-Pajjiżi l-Baxxi)

2.5. Sistema ta' analiżi

2.5.1. Analiżi operattiva

L-analiżi hija l-pedament tal-attivitajiet moderni kollha tal-infurzar tal-liġi bbażati fuq l-intelligence u hija kruċjali għall-attivitajiet tal-Europol kollha. Il-kapaċitajiet analitiċi tagħna huma bbażati fuq teknoloġija avvanzata aġġustata skont il-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi. L-analisti impjegati fl-Europol jużaw metodoloġiji u tekniċi tal-aqwa kwalità li jgħinu sabiex jidentifikaw lakuni fl-investigazzjonijiet transkonfinali tal-UE. L-analisti jaħdmu b'reġistri ta' ħidma ta' analiżi ffukati fuq suġġett sabiex jipprovdu informazzjoni lill-operazzjonijiet kontinwi fl-Istati Membri tal-UE, u din l-informazzjoni hija ħafna drabi innovattiva għal ħafna investigazzjonijiet internazzjonali.


© Fotolia

Analiżi tan-netwerk soċjali

L-Europol adotta analiżi tan-netwerk soċjali (SNA) tal-aqwa kwalità bħala mod kif iwettaq analiżi tal-intelligence u jappoġġja investigazzjonijiet ewlenin tal-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.

Analisti tal-intelligence issa jistgħu jużaw algoritmi matematiċi sabiex jimmarkaw u jkejlu settijiet kumplessi u/jew kbar ta' data u jidentifikaw malajr l-atturi ewlenin, il-gruppi ta' persuni suspettati fil-mira u mudelli oħra moħbija li altrimenti kienu jibqgħu inosservati. L-SNA huwa approċċ ta' valur li jikkomplementa tekniċi konvenzjonali ta' analiżi tal-konnessjonijiet, itejjeb il-kwalità tar-rappurtar tal-intelligence u jgħin sabiex jagħti prijorità lill-ħidma investigattiva.

Is-sistema ta' analiżi tal-Europol hija s-sistema ta' informazzjoni operattiva għall-ilqugħ ta' data mogħtija mill-partijiet interessati tal-Europol.

Il-komponenti differenti tas-sistema ta' analiżi joffru l-benefiċċji li ġejjin:

- ċentralizzazzjoni u ġestjoni tal-informazzjoni;
- soluzzjonijiet personalizzati għal tiftix fit-testi; u
- kapaċitajiet analitiċi permezz ta' firxa wiesgħa ta' għodod għall-analiżi.

Is-sistemi tal-Europol huma interkonnessi, li jfisser li l-informazzjoni kollha mdaħħla f'sistema waħda tista' tiġi identifikata wkoll fl-oħrajn.

Netwerk Forensika tal-Kompjuter

Matul l-2010, l-Europol temm l-implimentazzjoni inizjali ta' faċilità tal-aqwa kwalità li testratta u tanalizza l-informazzjoni marbuta mal-kriminalità minn data diġitalizzata. Il-kapaċità li tiġi identifikata informazzjoni rilevanti b'mod effiċjenti minn ammonti vasti ta' data tal-kompjuter, filwaqt li tinżamm il-validità ġuridika tagħha, qed issir arma kruċjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità. Permezz ta' din is-soluzzjoni teknika l-ġdida, l-Europol issa jista' joffri servizz ta' kwalità għolja lill-komunità tal-infurzar tal-liġi Ewropea, li jidentifika u jipproċessa din l-informazzjoni, b'titjib drammatiku fil-kwantità ta' data li tista' tiġi pproċessata. Dan is-servizz mogħti ċentralment huwa kkomplementat mill-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti jiġu appoġġjati fuq il-post permezz tal-użu lokali ta' għodda mobbli mħaddma minn esperti għall-forensika tad-data tal-kompjuter.

2.5.2. Analiżi strateġika

L-analiżi strateġika hija aspett ieħor importanti tal-attivitajiet analitiċi tal-Europol.

Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Organizzata (OCTA), sa mill-2006

Il-OCTA huwa l-aktar dokument importanti ta' analiżi strateġika prodott mill-Europol. Huwa d-dokument li fuqu l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jibbaża l-prijoritajiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fl-Ewropa. Abbozzat b'mod konformi mal-prinċipji ta' żamma tal-ordni bbażata fuq l-intelligence, l-OCTA huwa rikonoxxut bħala proġett pijunier u fil-ħajja qasira tiegħu introduċa kunċetti innovattivi — bħall-hubs kriminali u t-tipoloġija ta' grupp ta' kriminalità organizzata — li ġew aċċettati u adottati fil-livelli politiċi, tal-infurzar tal-liġi u akkademiċi. Fl-2013, l-OCTA se jiġi ssostitwit permezz ta' pubblikazzjoni mtejba — il-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA).

Il-Proġett Harmony u ċ-ċiklu politiku


Il-Proġett Harmony dam għaddej minn Ottubru 2009 sa Diċembru 2010 u kien iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea. Il-proġett kien immexxi mill-Belġju, u l-Europol, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit ħadmu bi sħab. L-għan ewlieni tal-proġett kien li l-Mudell Ewropew tal-Intelligence Kriminali jiġi rrivedut u msaħħaħ. L-Europol ipparteċipa b'mod attiv tul il-Proġett Harmony, u kkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-kwalità ġenerali tal-mekkaniżmu żviluppat.

L-ewwel ċiklu politiku ta' sentejn li jservi bħala pilota se jibda bil-pubblikazzjoni tal-OCTA f'Mejju 2011. Meta jissottometti l-OCTA, l-Europol se jippreżenta wkoll konklużjonijiet u lista ta' oqsma prijoritarji ta' kriminalità u azzjonijiet possibbli li għandhom isiru. Il-preżentazzjoni se tiġi segwita mill-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-kriminalità organizzata. Iċ-ċiklu politiku sħiħ ta' erba' snin se jibda fl-2013, fejn il-konklużjonijiet tal-Kunsill ibbażati fuq l-ewwel Valutazzjoni ta' Theddida mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA) għandhom jiġu abbozzati mill-Europol.

Il-Kumitat Permanenti dwar is-Sigurtà Interna (COSI) se jkollu rwol ewlieni fiċ-ċiklu politiku. Il-Kumitat għandu jappoġġja lill-Kunsill fl-għażla tal-prijoritajiet tiegħu kif ukoll fl-adozzjoni ta' pjanijiet strateġiċi multiannwali u l-pjanijiet operattivi annwali ta' azzjoni, biex jilħaq l-għanijiet deċiżi mill-Kunsill. Peress li l-Europol huwa involut b'mod attiv fil-proċedimenti tal-Kumitat, il-kompetenza speċifika tiegħu tista' tiġi sfruttata bis-sħiħ fil-proċess ta' tfassil tal-politika.

Ir-Rapport tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu (TE-SAT) fl-UE, sa mill-2007

Fl-2010, l-Europol ipproduċa r-raba' Rapport annwali tiegħu tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu (TE-SAT) fl-UE. Ir-rapport jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-fenomenu tat-terroriżmu fl-UE minn perspettiva ta' infurzar tal-liġi.



It-TE-SAT huwa dokument mhux klassifikat ibbażat fuq informazzjoni pprovduta minn pajjiżi tal-UE u barra l-UE, u minn organizzazzjonijiet sħab bħall-Eurojust.

Ir-rapport tal-2010 wera tnaqqis kontinwu fin-numru ta' attakki marbuta mat-terroriżmu fl-UE, iżda wissa biex tinżamm il-viġilanza. Terroristi Islamiċi ġewwa u barra l-UE komplew jimmiraw għal diżgrazzji indiskriminati tal-massa, kif muri mit-tentattiv ta' ċittadin Niġerjan radikalizzat li jisplodi ajruplan ta' linja tal-ajru tal-Istati Uniti waqt titjira minn Amsterdam għal Detroit fil-25 ta' Diċembru 2009. Waħda mit-tendenzi tat-terroriżmu, identifikata fil-TE-SAT 2010, hija li l-attivitajiet terroristiċi Islamiċi qed jiġu dejjem aktar imwettqa minn individwi awtoradikalizzati u ta' spiss awtostruwiti, li jaġixxu waħedhom. Ir-rapport indika wkoll li t-terroriżmu tax-xellug u anarkista qed jiżdied fl-UE.

Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Organizzata Russa (ROCTA), sa mill-2008

Din il-valutazzjoni ta' theddid speċifiku tesplora theddid attwali u mistenni mill-kriminalità organizzata Russa madwar l-Unjoni Ewropea. Ir-rapport tal-2010 kkonkluda li l-kriminalità organizzata Russa għandha rwol importanti f'diversi swieq kriminali fl-UE. Il-ħasil tal-flus, it-traffikar tal-bnedmin, l-armi, id-drogi, il-kuntrabandu tas-sigaretti, il-frodi u l-kriminalità ekonomika huma s-swieq ewlenin fejn jinħass l-impatt tagħhom fl-UE iżda wkoll lil hinn. Is-settur finanzjarju huwa faċilitatur ewlieni tal-kriminalità organizzata Russa, li jidher li jiffavorixxi u jabbuża ċerti ċentri finanzjarji jew offshore kif ukoll banek u istituzzjonijiet finanzjarji madwar l-UE u postijiet oħra, sabiex jiffaċilita l-attivitajiet kriminali u jaħsel id-dħul kriminali.

Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Organizzata tal-Afrika tal-Punent (OCTA-WA), 2009

Dan ir-rapport jirrikonoxxi t-theddida li dejjem tikber tal-kriminalità organizzata mill-Afrika tal-Punent u b'mod partikolari l-impatt tagħha fuq is-sigurtà interna tal-UE. Huwa jidentifika l-karatteristiċi prinċipali tat-theddida u joffri informazzjoni dwar il-ġlieda effettiva kontra tagħha. Waqt li jagħmel dan, ir-rapport jevalwa l-attivitajiet ewlenin tal-kriminalità organizzata li jorbtu s-sitwazzjonijiet kriminali fl-Afrika tal-Punent u l-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tat-traffikar tad-drogi, it-traffikar tal-bnedmin, l-immigrazzjoni illegali u l-frodi. Huwa jiddeskrivi wkoll it-tipi ewlenin ta' gruppi ta' kriminalità organizzata fl-Afrika tal-Punent u r-rabtiet tagħhom mad-dinamika tal-kriminalità organizzata fl-Unjoni Ewropea.

Bis-saħħa tal-prodotti ta' analiżi strateġika, bħall-OCTA, ir-ROCTA, l-OCTA-WA u t-TE-SAT, jingħata aktar appoġġ lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li jidentifikaw prijoritajiet speċifiċi fil-qasam kumpless tal-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Abbażi ta' linji gwida politiċi, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jistgħu mbagħad jippersonalizzaw il-ħidma operattiva tagħhom nazzjonalment, reġjonalment u lokalment. Jistgħu jużaw ukoll mekkaniżmi reġjonali eżistenti ta' kooperazzjoni inkorporati mill-Europol, il-Forza tax-Xogħol tal-Baħar Baltiku jew l-Inizjattiva Kooperattiva tal-Ewropa tax-Xlokk (SECI). Taħt it-Trattat ta' Lisbona l-importanza tal-valutazzjonijiet komprensivi tat-theddid qiegħda dejjem tiżdied, li tagħmel lill-Europol kontributur importanti għall-proċess ta' tfassil tal-politika.

It-tim tal-Iskennjar, l-Analiżi u n-Notifika (SCAN) tal-Europol twaqqaf reċentement biex jipprovdi prodott strateġiku ieħor lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-UE: avviżi ta' twissija bikrija ta' theddid ġdid ta' kriminalità organizzata. Fl-2010, it-tim SCAN bagħat sitt avviżi ta' theddid OC-SCAN. Dawn il-valutazzjonijiet inbdew wara l-wasla ta' allerti u r-rapporti ta' theddid inizjali pprovduti mill-awtoritajiet fil-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka u l-Finlandja, kif ukoll huma mmexxija mill-prijoritajiet tal-Presidenza Spanjola u Belġjana tal-UE.

L-avviżi ta' theddid tal-OC-SCAN prodotti fl-2010 koprew is-suġġetti li ġejjin:

- L-espansjoni tal-Hells Angels Motorcylcle Club lejn l-Ewropa tax-Xlokk. Il-Hells Angels Motorcycle Club (HAMC) espanda l-preżenza tiegħu b'mod sinifikanti lejn l-Ewropa tal-Lvant. Matul l-aħħar ftit snin il-Hells Angels mexxew kampanja estremament rapida fl-Ewropa tax-Xlokk, b'mod partikolari fit-Turkija u l-Albanija. Permezz tal-istabbiliment tal-influwenza territorjali tagħhom fl-Ewropa tax-Xlokk, il-Hells Angels bnew relazzjonijiet mill-qrib ma' klikek lokali illegali tal-muturi (OMCGs) fl-Albanija, il-Bulgarija u Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslavja tal-Maċedonja, u stabbilixxew il-preżenza tagħhom fit-Turkija. Membri tal-HAMC, issa bbażati fix-Xlokk tal-Ewropa, għandhom il-kapaċità li jkunu involuti fit-traffikar tad-droga fuq ir-"rotta tal-Balkani".



- Klikek (street gangs) involuti f'attivitajiet ta' kriminalità organizzata fl-UE. Id-dimensjoni dejjem aktar internazzjonali ta' uħud mill-klikek toħloq theddida transkonfinali. B'mod partikolari, gruppi bħall-Latin Kings (fin-nofsinhar tal-Ewropa) u l-Black Cobra (fit-Tramuntana tal-Ewropa) għandhom il-kapaċità li jinvolvu ruħhom fi kriminalità organizzata bħala klikek ta' livell ogħla. Barra minn hekk, għadd ta' klikek ta' livell aktar baxx fl-UE juru konnessjonijiet ma' gruppi ta' kriminalità organizzata (OCGs).

- It-traffikar illegali u ċ-ċirkolazzjoni interna ta' armi tan-nar tqal fl-UE. Dan l-avviż ta' theddid żvela kif qed jiżdied il-pussess ta' armi tan-nar tqal minn gruppi ta' kriminalità organizzata. Ir-rieda tagħhom li jużaw armi tan-nar f'żoni popolati toħloq theddida sinifikanti kemm għall-pubbliku ġenerali kif ukoll għall-persunal tal-infurzar tal-liġi. Għalkemm ħafna mill-gruppi tal-kriminalità organizzata jippreferu pistoli tal-idejn, hemm żieda fl-użu ta' armi tan-nar tqal bħal xkubetti tal-attakk (eż. AK-47s) u tagħmir splussiv. Filwaqt li l-ammont ta' armi tan-nar tqal fiċ-ċirkolazzjoni fl-UE jidher li jissodisfa ħafna minn din id-domanda attwali, il-forniturifl-Ewropa tax-Xlokk huma kapaċi jissodisfaw kwalunkwe żieda fid-domanda. Il-fatt li Kalashnikov jew rocket launcher jistgħu jiġu akkwistati għal prezz irħis ta' EUR 300 sa EUR 700 f'xi partijiet tal-UE, jindika d-disponibilità faċli tagħhom għall-kriminali.

- Id-diversifikazzjoni fl-użu ta' ajruplani ħfief għat-traffikar illeċitu. Minbarra t-traffikar tad-drogi lejn u ġewwa l-Unjoni Ewropea, l-ajruplani ħfief qed jintużaw sabiex jiffaċilitaw l-immigrazzjoni illegali, jagħmlu kuntrabandu ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin (THB), u jittraffikaw armi tan-nar, djamanti u tagħbijiet bi kwantitajiet kbar ta' flus kontanti għall-ħasil tal-flus. Iż-żieda fl-ajruplani ħfief għat-traffikar hija ffaċilitata min-nuqqas ta' monitoraġġ u sanzjonijiet madwar l-UE.

- L-isfruttament sistematiku tal-minorenni minn gruppi mobbli (itineranti) ta' kriminalità organizzata madwar l-UE. Is-severità tal-vjolenza u l-intimidazzjoni użati minn dawn il-gruppi għall-kontroll u l-isfruttament tal-minuri, inklużi forom estremi ta' vjolenza bħall-abbuż sesswali u t-tortura, qegħdin jiżdiedu. Għalkemm l-iskala eżatta tat-theddid mhix magħrufa, hemm ħafna każi ta' traffikar ta' minorenni għal sfruttament sesswali u tax-xogħol. Il-gruppi jikkoperaw ma' oħrajn, b'mod partikolari ma' sensara f'reġjuni ewlenin ta' sors, sabiex tiġi żgurata provvista kostanti ta' vittmi u jitnaqqas ir-riskju ta' kxif minn dawk li jinfurzaw il-liġi billi l-minorenni jiġu mċaqalqa regolarment bejn gruppi differenti.

Il-ġlieda tal-Europol kontra l-kuntrabandu tas-sigaretti

L-Europol jappoġġja lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-attivitajiet ta' gruppi ta' kriminalità organizzata involuti fil-manifattura illegali u t-traffikar ta' sigaretti u prodotti tat-tabakk. Il-kummerċ illegali tat-tabakk jiswa lill-UE madwar EUR 10 biljuni fi dħul mitluf kull sena.

Prodotti foloz u tabakk tal-kuntrabandu jinbiegħu fi swieq miftuħa u ħafna drabi l-klijenti ma jkunux konxji li qed jixtru prodotti illegali. Il-flus li jħallsu jmorru direttament għall-gruppi kriminali, u jiffinanzjaw oqsma oħra ta' kriminalità serja organizzata u terroriżmu.

Sabiex jiżdiedu l-profitti, it-tabakk illegali jiġi magħmul minn materjali rħas, u bi ftit kunsiderazzjoni għall-kontrolli tas-saħħa u l-kwalità. Dawn is-sigaretti jinbiegħu lil dawk li jpejpu, minflok prodotti ġenwini li għandhom jissodisfaw ċerti standards. Sigaretti foloz li ġew issekwestrati nstabu li kien fihom dud irqiq, bajd tal-insetti, fungi u anke ppurgar tal-bniedem.


© Fotolia

Operazzjoni Forecourt

L-intelligence indikat li grupp ta' kriminalità organizzata kien qed juża sewwieqa, li jaħdmu ma' kumpanija leġġittima tat-trasport, biex iwettqu kuntrabandu ta' prodotti illegali tat-tabakk fir-Renju Unit. Is-sewwieqa waqfu l-Lussemburgu fit-triq lejn ir-Renju Unit biex jgħabbu tabakk tal-brim. Huma kienu qed jużaw il-kopertura tal-vetturi tax-xogħol tagħhom u vjaġġi frekwenti lejn ir-Renju Unit sabiex jiffaċilitaw l-importazzjonijiet.

L-Europol analizza kontribuzzjonijiet ewlenin tal-intelligence li identifikaw il-*modus operandi* tal-kriminali u għenu biex jiġi identifikat is-sors tal-provvista tat-tabakk, in-nies u l-vetturi involuti.

L-operazzjoni għalqet b'żewġ arresti u s-sekwestru ta' kważi żewġ tunnellati ta' tabakk tal-brim mill-awtoritajiet tar-Renju Unit. Dan evita telf fid-dazju u taxxa ta' madwar EUR 277 000.

EuVID

EuVID hija għodda operattiva għall-infurzar tal-liġi li tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-vetturi u d-dokumenti tal-vettura. L-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, l-Isvezja u l-Europol jipparteċipaw fil-proġett EuVID.

EuVID bħalissa żżomm informazzjoni fuq 83 ditta u tip differenti ta' vetturi, informazzjoni dwar dokumenti ġenwini tal-vettura minn 55 pajjiż, katalogu dwar ċwievet tal-vetturi u linja gwida dwar kif tiġi investigata l-kriminalità tal-vetturi bil-mutur. EuVID hija disponibbli għal operazzjonijiet konġunti u użata bħala bażi għat-taħriġ fl-identifikazzjoni tal-vetturi.


© Fotolia

2.5.3. Taħriġ dwar l-analiżi

L-Europol qed joffri kors ġdid ta' ġimgħatejn ta' taħriġ dwar l-analiżi msejjaħ "Taħriġ integrat operattiv dwar l-analiżi". Sabiex jintlaħqu t-talbiet li dejjem jiżdiedu mill-Istati Membri, it-tim tat-taħriġ analitiku żviluppa żewġ verżjonijiet separati tat-taħriġ — wieħed għall-analisti u l-ispeċjalisti li jaħdmu mal-Europol u wieħed bl-idea tal-kunċett ta' "ħarreġ lil min qed jitħarreġ". Din tal-aħħar kienet speċifikament maħsuba għal dawk il-persuni potenzjali li jħarrġu fl-Istati Membri, biex ikopru l-elementi essenzjali taċ-ċiklu tal-intelliġenza u biex jiffokaw b'mod speċjali fuq l-analiżi.


© Fotolia

L-Europol diġà għamel ħames korsijiet għal total ta' 58 apprendist minn 28 pajjiż differenti fl-Ewropa, kif ukoll apprendisti mill-Awstralja u mill-Istati Uniti. Ħafna Stati Membri użaw il-materjal, il-metodi u l-eżerċizzji mit-taħriġ tal-Europol biex jiżviluppaw korsijiet tagħhom stess ta' analiżi operattiva. Matul l-2010, kemm il-korsijiet ta' taħriġ tal-analiżi finanzjarja kif ukoll dawk ta' analiżi strateġika ġew iddisinjati mill-ġdid għall-persunal operattiv tal-Europol. Dawn il-korsijiet ta' ġimgħatejn issa se jiġu offruti wkoll lill-analisti tal-Istati Membri fl-2011.

2.6. Ċentru tal-UE għall-kompetenza fl-infurzar tal-liġi

Sabiex isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu bħala pjattaforma għall-oqsma speċjalizzati u sabiex jiffaċilita t-tqassim tal-għarfien u l-komunikazzjoni ma' komunitajiet differenti ta' esperti, l-Europol żviluppa l-Pjattaforma tal-Europol għall-Esperti (EPE). Il-viżjoni għall-EPE għandha tkun ambjent sigur għal speċjalisti minn varjetà ta' oqsma tal-infurzar tal-liġi, li tippermettilhom li jaqsmu — fil-komunitajiet rispettivi tagħhom — l-għarfien, l-aħjar prattiki u data mhux personali dwar il-kriminalità. Il-EPE saret disponibbli fuq l-Internet f'Novembru 2010. Hija ġiet żviluppata mhux biss għall-pubblikazzjoni tad-dokumenti, iżda hija maħsuba wkoll biex tinkoraġġixxi lil utenti awtorizzati biex jikkoperaw onlajn grazzi għal serje ta' għodod ta' kollaborazzjoni.

Matul l-2010, l-Europol ħejja l-ħolqien ta' għadd ta' pjattaformi għall-esperti fl-2011, l-aktar dwar:

- l-isfruttament sesswali tat-tfal;
- is-sorveljanza transkonfinali u konsenji kkontrollati;
- iċ-ċiberkriminalità (i-FOREX);
- l-investigazzjoni tal-omiċidji;
- il-ħtif ta' persuni, it-teħid ta' ostaġġi u l-estorsjoni;
- il-falsifikazzjoni ta' flus u l-frodi ta' kards ta' pagament (PaySafe); u
- il-protezzjoni tax-xhieda.

Il-migrazzjoni tal-Pjattaforma tal-Komunikazzjoni Atlas lill-EPE għal operazzjonijiet speċjali u unitajiet kontra t-terroriżmu qiegħda wkoll tiġi mħejjija.

2.6.1. Netwerk Ewropew ta' Timijiet ta' Konsulenza

In-Netwerk Ewropew ta' Timijiet ta' Konsulenza (EuNAT) jikkonsisti f'timijiet ta' konsulenza u unitajiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi li jipprovdu pariri strateġiċi u/jew tattiċi, koordinazzjoni u appoġġ għal investigazzjonijiet ta' ħtif ta' persuni, teħid ta 'ostaġġi u estorsjoni.

EuNAT jorbot b'mod permanenti t-timijiet ta' konsulenza mal-Europol, sabiex jiffaċilita l-kooperazzjoni internazzjonali immedjata bi tweġiba għal riskji ta' periklu għall-ħajja. In-netwerk jaqsam prattiċi tajba u jiżviluppa standards f'dan il-qasam speċifiku madwar l-UE.

2.6.2. It-trattament tal-informaturi

L-informatur huwa aspett kruċjalment importanti tal-attivitajiet tal-pulizija. L-involviment ta' informatur kmieni fil-proċess ta' ġbir ta' intelligence kriminali x'aktarx jirriżulta f'eżitu ta' suċċess għall-investigazzjoni. Il-kwalità tal-intelligence miġbura hija direttament proporzjonali għall-kwalità tal-informatur.

Il-kriminalità organizzata serja mhix ristretta mill-konfini nazzjonali u għalhekk l-informaturi jistgħu jipprovdu intelligence biex jappoġġjaw l-infurzar tal-liġi f'diversi pajjiżi.

Is-sitwazzjoni legali attwali fi ħdan l-UE mhix uniformi fir-rigward tal-użu ta' informaturi, għalkemm il-kooperazzjoni ma' informaturi hija prattika komuni u mifruxa.

2.6.3. Sorveljanza transkonfinali u konsenji kkontrollati

L-użu ta' sorveljanza moħbija hija waħda mill-għodod ewlenin tal-investigazzjoni moderna għall-ksib ta' informazzjoni deċiżiva dwar strutturi kriminali. Madankollu, minħabba n-natura transnazzjonali ta' gruppi moderni ta' kriminalità organizzata, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi qegħdin dejjem aktar jaffaċċjaw każi ta' osservazzjoni u sorveljanza transkonfinali li joħolqu kwistjonijiet kemm fuq livelli legali kif ukoll operattivi.

L-Europol huwa membru tal-Grupp ta' Ħidma tas-Sorveljanza Transkonfinali, li l-iskop tiegħu huwa li jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni internazzjonali u jipprovdi forum għall-iżvilupp ta' tekniki sikuri u effettivi ta' sorveljanza tal-liġi tal-infurzar.

Għodda investigattiva ewlenija oħra hija l-iskjeramент u l-użu operattiv sistematiku ta' metodi ta' sorveljanza moħbija flimkien ma' konsenji kkontrollati. Kumpilazzjoni fuq CD-ROM tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri differenti dwar il-konsenji kkontrollati hija disponibbli biex tinforma lill-esperti dwar problemi li jistgħu jseħħu fil-kooperazzjoni transkonfinali.

2.6.4. Il-protezzjoni tax-xhieda

Il-protezzjoni tax-xhieda hija waħda mill-pedamenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, u n-netwerk tal-Europol tal-protezzjoni tax-xhieda huwa l-akbar wieħed fid-dinja kollha. Is-servizzi tal-Europol għall-protezzjoni tax-xhieda jinkludu:

- l-armonizzazzjoni ta' programmi nazzjonali differenti;
- l-iżvilupp ta' unitajiet u programmi ġodda għall-protezzjoni tax-xhieda;
- l-istandardizzazzjoni ta' proċessi bħar-rilokazzjoni tax-xhieda; u
- l-edukazzjoni ta' uffiċjali tal-protezzjoni tax-xhieda.

Kors ta' edukazzjoni għolja dwar il-protezzjoni tax-xhieda

Dan il-proġett bejn ir-Renju Unit u l-Europol jipprovdi, għall-ewwel darba, programm standardizzat ta' edukazzjoni għall-protezzjoni tax-xhieda fuq livell Ewropew. Il-kors ta' ġimgħatejn se jibda fl-2011.

2.6.5. Grupp ta' ħidma dwar omiċidji fl-Europol

Fl-2009, ir-Renju Unit ippropona l-istabbiliment ta' punt fokali għal kwistjonijiet ta' omiċidju fl-Europol. Din il-proposta kienet appoġġjata mill-Kapijiet tal-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol fl-2010. Il-grupp ta' ħidma se jkun l-awtorità esperta dwar kwistjonijiet strateġiċi marbuta mal-omiċidji u se jkun ibbażat fuq l-involviment estensiv tal-prattikant, permezz tal-użu ta' netwerk ta' investigaturi tal-omiċidji Ewropej marbutin flimkien.


© Fotolia

Parti importanti oħra tal-proposta kienet li jiġi stabbilit repożitorju ċentrali għall-għarfien dwar suġġetti definiti marbuta mal-omiċidji. L-enfasi se tkun primarjament fuq:

- serial killers;
- omiċidji marbuta mal-kriminalità organizzata;
- modi operandi speċifiċi f'każi bħall-unur jew qtil fl-iskejjel; u
- tendenzi ġodda fil-qasam u tekniki ġodda ta' investigazzjoni.

Dawn l-għanijiet se jintlaħqu billi tiġi żviluppata soluzzjoni teknika li tappoġġja n-netwerks ibbażati fuq l-Internet għall-iskambju ta' informazzjoni, l-aħjar prattiki u l-komunikazzjoni fost l-esperti.

2.7. Protezzjoni tad-data

L-Europol għandu waħda mis-sistemi l-aktar robusti għall-protezzjoni tad-data fil-qasam tal-infurzar tal-liġi. L-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data (DPO) tal-Europol jiżgura konformità legali fil-qafas tal-protezzjoni tad-data inkluż l-ipproċessar ta' data marbuta ma' persunal tal-Europol. Il-kompitu prinċipali tal-unità huwa li toħloq qafas politiku ppersonalizzat biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-unitajiet operattivi u, fl-istess ħin, jipproteġi d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data fl-oqsma kollha tal-protezzjoni tad-data.

Il-qafas għall-attivitajiet tal-verifika issa huwa definit fil-politika ta' verifika tal-protezzjoni tad-data tal-Europol. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest, id-DPO abbozza "Politika dwar il-kontroll ta' ksib ta' data" li tipprovdi dettalji dwar mekkaniżmi ta' kontroll għal-legalità ta' ksib ta' data personali mis-sistemi tal-Europol. Kif mitlub fl-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Europol (ECD), u d-deċiżjoni ta' implementazzjoni tagħha tal-bord ta' amministrazzjoni, il-politika tiddefinixxi r-rekwiżiti preċiżi għar-reġistri tal-użu u s-sekwenzi ta' verifika tal-protezzjoni tad-data.

Meta d-data personali tiġi pproċessata mill-Europol, dan isir skont ir-rekwiżiti tas-sigurtà tad-data li ġew integrati fis-sistema skont ir-regoli ġodda tal-kunfidenzjalità.

Għad-data marbuta mal-persunal, id-DPO jiffoka fuq operazzjonijiet ta' pproċessar għal kwistjonijiet ta' persunal u sigurtà. Huwa jappoġġja l-unitajiet tal-Europol fl-abbozzar ta' notifiki għall-protezzjoni tad-data.

L-operazzjonijiet ta' pproċessar li x'aktarx jippreżentaw riskji speċifiċi fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet ta' suġġetti tad-data huma suġġetti għal verifika minn qabel mill-Korp ta' Sorveljanza Konġunta (JSB). Fl-2010, id-DPO ppreżenta diversi notifiki lill-JSB għall-opinjoni tiegħu. Fl-aħħar tas-sena, il-JSB ħareġ opinjonijiet dwar in-notifiki ta' "verifika minn qabel" li ġejjin:

- l-iżvilupp tal-persunal u l-proċess ta' reviżjoni; u
- ir-reklutaġġ u l-proċess tal-għażla.

Kif previst fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Europol, l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data se jippreżenta rapport iddettaljat tal-attività għall-2010.



© Fotolia

3. Attivitajiet operattivi tal-Europol

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Europol huwa li jipprovdi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE appoġġ operattiv 24 siegħa kuljum. L-appoġġ jingħata fl-oqsma ordnati kif ukoll f'każi orizzontali li jolqtu diversi oqsma kriminali.


Appoġġ operattiv jista' jiġi estiż ukoll għall-Istati Membri billi jintbagħat l-uffiċċju mobbli tal-Europol, b'analisti u esperti ddedikati, biex jipprovdu għajnuna fuq il-post lill-Istati Membri.



L-uffiċċju mobbli: konnessjoni ħajja mad-databases ċentralizzati u l-pjattaformi ta' esperti tal-Europol

L-Europol żviluppa soluzzjoni qawwija ta' uffiċċju mobbli li tippermetti li l-uffiċjali tal-Europol jkollhom aċċess għall-firxa sħiħa ta' ksib ta' informazzjoni u għodod għall-analiżi minn kwalunkwe post remot, billi jintużaw standards tal-ogħla sigurtà. Fl-2010, l-Europol għamel titjib kbir fis-soluzzjoni tal-uffiċċju mobbli tiegħu, u ppermetta flessibbiltà u veloċità ta' skjerament ferm akbar.

Appoġġ operattiv ipprovdut lill-Istati Membri fl-2010



Sors: L-istħarriġ dwar l-utenti tal-Europol tal-2010.

Fl-2010, l-Europol alloka EUR 200 000 biex jappoġġja finanzjarjament il-laqgħat operazzjonali. Permezz ta' din il-faċilità l-ġdida, l-Istati Membri tal-UE u, fejn rilevanti, il-pajjiżi terzi kellhom l-ispejjeż għall-ivvjaġġar tad-delegati tagħhom koperti għal kważi 70 operazzjoni.

Appoġġ operattiv mill-Europol

Tip ta' appoġġ operattiv	Numru ta' każi
Appoġġ forensiku/tekniku ([2])	125
Analiżi operattiva	78
Appoġġ finanzjarju għal laqgħat operattivi	60 ([3])
Appoġġ finanzjarju għal investigazzjonijiet (il-falsifikazzjoni tal-euro)	35 ([4])
Laqgħat operattivi ospitati	33
Uffiċċju mobbli (analiżi fuq il-post)	31
Koordinazzjoni	23

Sors: L-istħarriġ dwar l-utenti tal-Europol tal-2010.

Kummenti minn esperti u investigaturi Ewropej tal-infurzar tal-liġi

"Ma nistax insib żball fi kwalunkwe aspett tal-ħidma mwettqa f'isimna mill-Europol waqt din l-investigazzjoni. Ir-rapporti kienu fformattjati sew, strutturati sew u b'kontenut eċċellenti, tant li aħna kkunsidrajna nużaw ftit mill-materjal bħala prova." (Investigatur, ir-Renju Unit)

"F'dawn l-investigazzjonijiet, l-Europol wera li jiffunzjona bħala 'portal' eċċellenti għall-informazzjoni għal diversi pajjiżi. Il-komunikazzjoni kienet effiċjenti ħafna. L-analiżi magħmula tat kjarifika tajba." (Investigatur, l-Awstrija)

"… L-Europol huwa l-pjattaforma ideali għall-iskambju ta' intelligence bejn 27 Stat Membru." (Espert, il-Belġju)

"Din kienet investigazzjoni kumplessa b'konnessjonijiet ma ħafna pajjiżi differenti u suspettati numerużi. Ħafna mill-ħin u l-enerġija kienu dedikati għal dan il-grupp ta' mira minn analisti tal-AWF Sustrans u rriżulta eżitu ta' suċċess kbir ħafna. Dawn jixirqilhom kreditu kbir għall-għajnuna li pprovdew lill-Istati Membri f'dan il-każ." (Espert, l-Irlanda)

"Skambju veloċi internazzjonali u li juri konnessjonijiet bejn diversi investigazzjonijiet internazzjonali." (Investigatur, il-Belġju)

"Il-ħidma tal-AWF kienet importanti ħafna u żiedet valur għall-investigazzjoni." (Investigatur, Franza)

([2]) Pereżempju, investigazzjonijiet tekniċi dwar magni tal-istampar użati għall-falsifikazzjoni (71 talba).

([3]) It-total imħallas sal-aħħar ta' Diċembru 2010 kien EUR 106 349. Ġew imħallsa EUR 102 650 oħra, biex b'hekk ingħatat rata ta' implimentazzjoni ta' 100 % tal-bażit disponibbli (EUR 209 000).

([4]) EUR 157 414.

Operazzjoni Athena II

Żewġ uffiċjali tal-Europol u l-uffiċċju mobbli appoġġjaw lid-Direttorat Spanjol Ġenerali tad-Dwana bl-Operazzjoni Athena II f'April 2010.

L-Operazzjoni Athena II kienet operazzjoni doganali konġunta mmirata lejn iċ-ċaqliq transkonfinali ta' flus kontanti u strumenti monetarji oħra użati minn organizzazzjonijiet kriminali għall-finanzjament tal-attivitajiet kriminali tagħhom u l-ħasil ta' dħul kriminali.

Ħadu sehem amministrazzjonijiet doganali mid-19-il pajjiż tal-UE u barra l-UE (jiġifieri, l-Alġerija, il-Marokk, in-Norveġja, it-Tuneżija u l-Istati Uniti tal-Amerika), flimkien ma' aġenziji internazzjonali bħall-Europol, l-Interpol u l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali.

Din l-operazzjoni wasslet għall-:
- ħruġ ta' messaġġi ta' twissija (rapporti dwar nies li ddikjaraw li kienu qed jivvjaġġaw b'aktar minn EUR 10 000, kif ukoll allerti dwar ċaqliq suspettuż ta' flus kontanti);
- ħruġ ta' messaġġi ta' sekwestru (użati biex jirrapportaw kxif u sekwestru ta' flus kontanti jew strumenti monetarji oħra li jaqbżu EUR 10 000);
- sekwestru ta' flus kontanti li jammonta għal total ta' EUR 5.5 miljun u twissijiet dwar flus kontanti li ammontaw għal EUR 26.5 miljun;
- l-Europol jittratta 110 messaġġi ta' twissija u 128 messaġġ ta' sekwestru u jwettaq tiftix fis-sistemi tal-Europol li rriżultaw f'diversi konnessjonijiet; u
- il-ġenerazzjoni ta' erba' konnessjonijiet mill-Europol li wrew li ammont enormi ta' flus kontanti kien qiegħed jiġi mċaqlaq bejn żewġ pajjiżi tal-UE.

3.1. Terroriżmu

Kważi 10 snin wara l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001 fi New York, it-terroriżmu jkompli joħloq theddida serja għall-Istati Membri tal-UE. Gruppi estremisti u terroristiċi, bħall-al-Qaeda u oħrajn, huma attivi fl-Unjoni Ewropea u għandhom impatt fuq il-ħajja taċ-ċittadini tagħha. Il-ġlieda kontra l-estremiżmu u t-terroriżmu għalhekk tibqa' prijorità ewlenija għall-UE u għall-Europol.

L-Europol jassisti lill-Istati Membri biex iwettqu investigazzjonijiet ta' suċċess f'dan il-qasam billi jipprovdi l-prodotti u s-servizzi li ġejjin:
- analiżi u prodotti analitiċi bħal rapporti, valutazzjonijiet ta' theddid u lakuni għal investigazzjonijiet internazzjonali kontinwi;
- skambju ta' informazzjoni u aċċess għad-databases tal-Europol, sistemi ta' skambju u pjattaformi ta' esperti oħra;
- kompetenza permezz tal-uffiċċju mobbli tal-Europol li tippermetti għajnuna fuq il-post;
- prodotti u servizzi personalizzati oħra bħall-Monitoraġġ tal-Modus Operandi, in-Netwerk tal-Ewwel Rispons, in-Netwerk Ewropew tat-Tneħħija ta' Mezzi Esplożivi, is-Sistema tal-UE ta' Data dwar il-Bombi u oħrajn; u
- produzzjoni mill-Europol tar-Rapport annwali tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu (TE-SAT) fl-UE, li jipprova jistabbilixxi fatti u figuri bażiċi rigward attakki u arresti terroristiċi fl-UE, inklużi tendenzi ġodda.

3.1.1. Monitoraġġ tal-Modus Operandi

Il-Monitoraġġ tal-Modus Operandi huwa mezz għall-iżvilupp ta' mudell ta' attività globali li jevalwa kontinwament l-avvenimenti u/jew l-investigazzjonijiet terroristiċi li jaffettwaw is-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-UE, billi jiffoka fuq elementi speċifiċi tal-*modus*

operandi tat-terroristi. Jingħata valur addizzjonali mill-fatt li r-riżultat huwa marbut ma' prodotti oħra ta' intelligence tal-Europol u għandu l-għan li jipprovdi kompetenza u intelligence fil-ħin reali lill-aġenziji rilevanti tal-Istati Membri.

3.1.2. In-Netwerk tal-Ewwel Rispons

In-Netwerk tal-Ewwel Rispons huwa għodda żviluppata mill-Europol li tippermetti lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi biex jirrispondu għall-attakki terroristiċi fl-Ewropa f'waqtu. Tim ta' esperti kontra t-terroriżmu tal-Europol u tal-Istati Membri jista' jiġi mobilizzat immedjatament biex jgħin lill-Istati Membri affettwati fil-kwistjonijiet operattivi u tekniċi kollha. F'każi bħal dawn, dan it-tim se juża ċ-ċentru operattiv tal-Europol biex jiżgura skambju effiċjenti ta' informazzjoni mal-partijiet involuti kollha. Minbarra li joffri appoġġ f'sitwazzjoni ta' kriżi, in-Netwerk tal-Ewwel Rispons jimmira wkoll li jipprovdi esperti ta' livell għoli tat-terroriżmu b'pariri strateġiċi, personalizzati skont il-*modus operandi* li jevolvi ta' attakk.


© Jean-François Guiot

Operazzjoni tal-Pulizija ta' Greater Manchester fir-Renju Unit

Fl-2010, l-Europol appoġġja l-Unità tal-Greater Manchester Police Counter Terrorism f'operazzjoni kontra t-terroriżmu fir-Renju Unit. Is-suspettat ewlieni kien ikkundannat għal sentejn ħabs wara li nstab ħati ta' żewġ reati taħt it-Taqsima 58 tal-Att tat-Terroriżmu dwar il-pussess ta' materjal għal skopijiet terroristiċi.

L-Europol wettaq stħarriġ ta' madwar 6 000 dokument elettroniku pprovduti mill-Greater Manchester Police, il-maġġor parti tagħhom bl-Għarbi, bl-għan li jidentifika dawk li jistgħu joħolqu theddida għas-sigurtà fir-Renju Unit. Valutazzjoni inizjali tal-kontenut mit-tim *Check the Web* ġiet segwita minn analiżi aktar applikata ta' settijiet speċifiċi ta' dokumenti, kif mitlub mill-Greater Manchester Police. Għodod forensiċi tal-kompjuter applikati għall-midja diġitali ppermettew li l-fajls rilevanti jiġu iżolati. Il-kontroverifika tal-fajls elettroniċi mas-sistemi tal-Europol uriet ukoll il-preżenza ta' materjal terroristiku li qabel kien ġie użat bħala prova fil-qorti.

Il-ħidma tal-Europol wasslet għall-identifikazzjoni ta' predikatur estremist li kien ta' interess għal investigazzjonijiet oħra fl-UE. It-tim ta' Check the Web uża l-materjal provdut mill-Greater Manchester Police biex janalizza u jivvaluta l-ideoloġija promossa minn din il-persuna suspettata. Ir-rapport li jirriżulta mit-tim tal-Europol Check the Web u l-valutazzjoni tat-theddid tal-individwu u tas-segwaċi tiegħu bbażati fl-Ewropa pprovdiet aktar konnessjonijiet ma' investigazzjonijiet li għaddejjin fi Stati Membri.

3.1.3. In-Netwerk Ewropew tat-Tneħħija ta' Mezzi Esplożivi

In-Netwerk Ewropew tat-Tneħħija ta' Mezzi Esplożivi huwa biex l-esperti jagħmlu skambju ta' għarfien dwar ir-rimi ta' materjal splussiv. In-netwerk jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki u jorganizza taħriġ bi sħubija ma' Stati Membri tal-UE u partijiet terzi. Huwa jżomm ukoll lill-unitajiet tat-tneħħija ta' mezzi splussivi aġġornati rigward l-aktar żviluppi rilevanti riċenti. Huwa miftuħ għall-unitajiet kollha tal-pulizija, governattivi u militari li jittrattaw l-isplussivi. Is-sessjonijiet ta' taħriġ, kif ukoll sett ta' attivitajiet oħra, huma mwettqa min-netwerk.

3.1.4. Is-Sistema tal-UE ta' Data dwar il-Bombi

Is-Sistema tal-UE ta' Data dwar il-Bombi (EBDS) tipprovdi pjattaforma għal qsim ta' informazzjoni f'waqtha u rilevanti u intelligence dwar l-isplussivi, tagħmir inċendjarju u splussiv, kif ukoll materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN). Is-Sistema tal-UE ta' Data dwar il-Bombi tinkludi wkoll databases dwar inċidenti ta' splussivi u CBRN, kif ukoll libreriji u forums ta' esperti.

L-EBDS ġiet imnedija b'suċċess f'Ottubru 2010 wara t-tlestija ta' proġett intensiv ta' sentejn li l-għan tiegħu kien li jarmonizza u jiċċentralizza l-iskambju ta' informazzjoni bejn ċentri ta' data dwar il-bombi fl-Istati Membri tal-UE. Il-proġett kien iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea.

3.1.5. Piraterija marittima

Mill-bidu tal-2010, kwistjonijiet marbuta mal-piraterija marittima ġew integrati fl-ambjent kontra t-terroriżmu fl-Europol. Peress li l-piraterija saret kwistjoni ewlenija, l-ispejjeż għall-industrija tat-tbaħħir qed jiżdiedu mingħajr kontroll minħabba rati ogħla ta' assigurazzjoni, spejjeż ta' sigurtà u ż-żieda fl-ispejjeż operattivi mġarrba minn rotot alternattivi itwal. Skont l-intelligence, il-piraterija tista' torbot ma' fenomeni kriminali oħra bħall-kuntrabandu tal-bnedmin, l-armi u d-drogi. L-Europol, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Interpol u appoġġjat minn 10 Stati Membri tal-UE u l-Eurojust, jiskambja informazzjoni dwar attivitajiet kriminali marbuta mal-piraterija marittima. L-involviment tal-Europol f'dan il-fenomenu jiffoka fuq l-identifikazzjoni tal-awturi ewlenin, assi loġistiċi u flussi finanzjarji marbuta ma' din l-attività kriminali.

F'Novembru 2010, riżoluzzjoni approvata unanimament mis-Sigurtà tal-Kunsill, talbet lill-192 pajjiżi membri kollha tagħha li jaħdmu f'kooperazzjoni mal-Europol u mal-Interpol għall-ġlieda kontra n-netwerks kriminali involuti fil-piraterija marittima barra mill-kosta tas-Somalja. Dan kien pass importanti 'l quddiem sabiex l-awtoritajiet internazzjonali tal-infurzar tal-liġi jipprovdu r-rabta kritika bejn arresti magħmulin permezz ta' interventi militari u l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjoni tal-pirati marittimi u n-netwerks kriminali assoċjati.

3.1.6. Id-database tat-terroriżmu

L-Europol qed jipprepara għall-ħolqien ta' database konġunt tat-terroriżmu, bil-għan li jimmodernizza r-rispons tal-UE għat-terroriżmu. Dan se jsir billi tiġi inkorporata aħjar id-definizzjoni tal-UE tat-terroriżmu; ikun flessibbli u jagħti rispons adegwat għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri u ta' sħab terzi, u jiffoka b'mod preċiż fuq l-oqsma ta' interess komuni. Fuq kollox, dan l-approċċ huwa rifless f'titjib fil-ġestjoni ta' kuljum, inklużi kisbiet xjentifiċi riċenti bħall-analiżi forensika, il-marki tas-swaba u d-DNA.

Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu

Wara l-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti fuq il-Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Teroriżmu, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2010 ([5]), rwol ewlieni għall-Europol jinvolvi l-verifika ta' talbiet tal-Istati Uniti lill-fornitur(i) nominat(i) ta' messaġġi finanzjarji fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Flimkien ma' dan ir-rwol ta' verifika, l-Europol ħoloq punt ta' kuntatt uniku għar-reġistri ta' ħidma ta' analiżi tiegħu u l-Istati Membri tal-UE sabiex jikkoordina l-iskambji kollha mal-Istati Uniti tal-Amerika dwar dan il-ftehim, li jinkludi l-għoti volontarju ta' informazzjoni, u t-talbiet għal tiftix tat-TFTP tal-Istati Uniti. L-għan ta' din il-kollaborazzjoni ġdida bejn l-Istati Uniti u l-UE huwa li jiġu identifikati, rintraċċati u segwiti l-finanzi tat-terroriżmu.

3.2. Drogi

Il-fenomenu tad-drogi huwa ta' tħassib ewlieni għaċ-ċittadini tal-Ewropa minħabba l-impatt tiegħu fuq is-saħħa u s-sigurtà kemm kollettiva kif ukoll individwali. Il-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mad-droga ilha prijorità għall-Europol mill-bidu nett.

3.2.1. Drogi sintetiċi

L-Unjoni Ewropea hija reġjun sinifikanti għall-produzzjoni illeċita ta' drogi sintetiċi, b'mod partikolari l-amfetamina u l-ekstasi. Kull sena madwar 60 sa 90 sit ta' produzzjoni fuq skala kbira jiġu identifikati u żarmati. Siti għall-ħżin ta' sustanzi kimiċi prekursuri potenzjalment perikoluż użati fil-proċess tal-manifattura tad-drogi huma ta' spiss skoperti matul il-kors ta' investigazzjonijiet fl-Istati Membri.

L-appoġġ operattiv tal-Europol jinkludi l-koordinazzjoni u l-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali kif ukoll għajnuna fuq il-post lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fl-UE matul iż-żarmar ta' faċilitajiet ta' produzzjoni ta' drogi sintetiċi illeċiti. L-esperti tal-Europol jappoġġjaw lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex iżarmaw sew dawn l-unitajiet ta' produzzjoni tad-droga u jiġbru l-provi. Huma jwettqu wkoll investigazzjonijiet tekniċi fuq tagħmir magħmul apposta u industrijali ssekwestrati minn unitajiet ta' produzzjoni u għall-ħażna tad-droga.

Operazzjoni TEX — Inizjattiva Cospol

Sa mill-2005, l-Europol appoġġja l-Grupp ta' Drogi Sintetiċi ta' Cospol (Ippjanar Strateġiku Operattiv u Komprensiv għall-Pulizija). Fi Frar 2010, abbażi ta' analiżi tal-Europol u inkjesti kontinwi f'diversi Stati Membri, Cospol għażel "persuna ssuspettata ta' valur għoli" (HVT) speċifika għal investigazzjoni konġunta. Flimkien mal-Belġju, il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi, l-Europol beda operazzjoni konġunta li tiffoka fuq il-grupp tal-kriminalità organizzata li kien immexxi mill-HVT magħżula involuta fil-produzzjoni fuq skala kbira ta' drogi sintetiċi.

F'Mejju 2010, deher ċar li l-persuni suspettati kienu lesti biex jibdew il-proċess ta' produzzjoni tad-drogi sintetiċi fil-Belġju. L-appoġġ operattiv u tekniku tal-Europol ġie mitlub mill-Pulizija Federali Belġjana ta' Hasselt, sabiex potenzjalment iżżarma l-post tal-produzzjoni illegali.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/412/UE tat-13 ta' Lulju 2010 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' Data dwar Messaġġi Finanzjarji mill-Unjoni Ewropea għall-Istati Uniti għall-finijiet tal-Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu.



L-Europol bagħat appoġġ fuq il-post u pprovda investigazzjoni teknika dettaljata u kompetenza. Bħala riżultat, il-Pulizija Federali ta' Hasselt, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Europol, żarmat laboratorju kbir u sofistikat ta' drogi illeċiti, li kellu l-potenzjal li jipproduċi mijiet ta' kilogrammi ta' drogi sintetiċi. Il-valur Ewropew tat-triq ta' din il-produzzjoni kien stmat għal diversi miljuni ta' euro.

Sitt persuni ssuspettati ewlenin ġew arrestati fil-Belġju u kwantitajiet kbar ta' sustanzi kimiċi ġew issekwestrati. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet ġudizzjarji Olandiżi wettqu tfittxijiet fid-djar u ssekwestraw aktar drogi sintetiċi, kokaina, ammonti kbar ta' flus u sustanzi kimiċi. Konnessjonijiet ma' siti oħra ta' produzzjoni ta' drogi sintetiċi illegali (eż. fil-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi) diġà ġew identifikati permezz tas-Sistema ta' Paragun ta' Laboratorji Illeċiti tal-Europol.

L-Europol kien involut f'din l-operazzjoni ta' suċċess sa mill-bidu nett, fi Frar 2010, f'termini tal-bidu ta' mmirar konġunt tal-HVT. Matul l-operazzjoni, l-Europol ipprovda 13-il rapport analitiku u rapport speċjalizzat wieħed lill-investigaturi. Ġew ipprovduti wkoll żewġ laqgħat operattivi interni u appoġġ tekniku fuq il-post. Bħala riżultat ta' dawn l-attivitajiet konġunti, is-suspettati ewlenin ġew ikkundannati għal sitt snin ħabs.

IŻ-ŻARMAR TA' LABORATORJI TAD-DROGI

Is-Sistema ta' Paragun ta' Laboratorji Illeċiti tal-Europol (EILCS) tinkludi informazzjoni fotografika dettaljata u teknika dwar il-postijiet ta' produzzjoni, ta' ħżin u rimi ta' drogi sintetiċi. Dan jippermetti l-identifikazzjoni ta' tqabbil bejn tagħmir, materjali u sustanzi kimiċi ssekwestrati. Barra minn hekk, is-Sistema ta' Drogi Sintetiċi tal-Europol (ESDS) tinkludi informazzjoni dwar *modus operandi* u sekwestri sinifikanti. Dan jippermetti l-identifikazzjoni ta' tqabbil bejn is-sekwestri u jgħin biex jiġu identifikati u mmirati gruppi kriminali.


3.2.2. Kokaina

Wara l-kannabis, il-kokaina issa hija t-tieni l-aktar sustanza illeċita komuni li tintuża fl-Ewropa.

Ġie rrapportat li tliet miljuni, jew 2.2 %, taż-żgħażagħ Ewropej (15 sa 34 sena), użaw il-kokaina fl-aħħar sena. Madwar 13-il miljun adult (15 sa 64 sena) użaw il-kokaina fil-ħajja tagħhom. Dan jirrifletti l-flussi ta' traffikar li qed jiżdiedu malajr u t-tixrid tal-użu tal-kokaina fl-Ewropa. Wara l-Istati Uniti, l-Unjoni Ewropea tibqa' t-tieni l-akbar konsumatur tal-kokaina fid-dinja.

Fl-Europol, netwerks ta' kriminalità organizzata marbuta mal-kokaina huma r-responsabbiltà ta' proġett iddedikat li jinkorpora reġistru ta' ħidma ta' analiżi (AWF). L-attivitajiet tiegħu jinkludu:

- servizzi ċentralizzati għall-ipproċessar u l-analiżi rapida u effiċjenti ta' data relatata ma' netwerks kriminali li jittraffikaw il-kokaina;
- id-disseminazzjoni ta' rapporti analitiċi biex jiġu appoġġjati l-investigazzjonijiet kontinwi tal-Istati Membri;
- l-inkoraġġiment biex isiru investigazzjonijiet paralleli u t-twettiq ta' operazzjonijiet konġunti;
- l-identifikazzjoni ta' possibbiltajiet għall-istabbiliment ta' timijiet konġunti ta' investigazzjoni;
- il-provvista ta' informazzjoni b'tattika u strateġika dwar suspettati u assoċjati ewlenin;
- ir-rintraċċar tal-fluss tal-flus li joriġina mit-traffikar tal-kokaina u l-għajnuna lill-Istati Membri biex jiffriżaw u jikkonfiskaw dan id-dħul illegali; u
- il-bidu u t-titjib tal-kooperazzjoni operattiva u strateġika kif ukoll skambju ta' informazzjoni bejn pajjiżi tal-UE u barra l-UE, li tiffoka fuq it-tfixkil tan-netwerks kriminali.



Produzzjoni, rotot ta' tranżitu u destinazzjoni finali tal-kokaina.

Fi ħdan dan il-proġett iddedikat, l-Europol imexxi l-"Europol Cocaine Logo System" li jikkonsisti f'databases ta' "Cocaine Logo", ta' "Cocaine Punch" u ta' Mezzi Speċifiċi ta' Ħabi.

Appoġġ operattiv u tekniku lill-Estonja

Fit-22 ta' Settembru 2010, konsenja ta' merkanzija bl-ajru li kien fiha 217.3 kilo ta' trab tal-kafè waslet fl-Estonja mill-Venezwela minn ġol-Ġermanja. Id-Dwana Ġermaniża kienet diġà sabet li l-konsenja kienet ittestjat pożittiva għall-kokaina u b'kooperazzjoni mad-dipartiment ta' investigazzjoni tal-Bord Estonjan tat-Taxxa u d-Dwana, ġiet organizzata konsenja kkontrollata.

L-Europol fil-pront ipprovda żewġ rapporti komprensivi ħafna dwar laboratorji ta' konverżjoni tal-kokaina, il-proċeduri tal-estrazzjoni u l-konverżjoni tal-kokaina, is-sustanzi kimiċi u t-tagħmir użat, u dettalji dwar ir-riskji involuti matul il-proċess tal-estrazzjoni u l-konverżjoni tal-kokaina. Minbarra l-kuntatt ta' kuljum, ġiet ipprovduta wkoll informazzjoni addizzjonali dwar laboratorji skoperti f'pajjiżi oħra tal-UE fejn kienu ġew ipproċessati konsenji simili.

Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti u l-pariri assoċjati, u matul tiftix sussegwenti fid-djar, l-investigaturi sabu u identifikaw lista ta' sustanzi kimiċi li jintużaw għall-konverżjoni u l-purifikazzjoni tal-kokaina.

B'kollox ġew issekwestrati 48 kilo kokaina, filwaqt li żewġ ċittadini Estonjani u tnejn oħra huma suspettati ta' reati marbuta mad-droga. Tliet persuni suspettati oħra nżammu f'kustodja fuq talba tal-prosekutur.

3.2.3. Eroina

L-Unjoni Ewropea hija suq globali sinifikanti tal-konsumatur għall-opjati. Għalkemm id-domanda u l-provvista tal-opjati, jiġifieri l-eroina, huma relattivament żgħar apparagun mad-drogi sintentiċi u l-kannabis, il-problemi soċjali, ekonomiċi u tas-saħħa assoċjati mal-użu tagħha huma sinifikanti u

l-eroina tibqa' theddida kbira għas-sigurtà u s-saħħa tas-soċjetà Ewropea. Skont l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi u l-Kriminalità, kull sena jkun hemm il-ħtieġa ta' madwar 100 tunnellata ta' eroina għall-forniment fis-suq tal-eroina fl-UE, filwaqt li jiġu ssekwestrati madwar 8 sa 15-il tunnellata kull sena mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Il-proġett tal-Europol dwar l-eroina jipprova jfixkel lill-organizzazzjonijiet kriminali involuti fil-produzzjoni u t-traffikar tal-eroina, u jappoġġja lill-Istati Membri fl-investigazzjonijiet tagħhom biex jagħmlu dan. Għadd ta' sottoproġetti ta' suċċess għenu lill-Istati Membri jilħqu l-għanijiet tagħhom biex jiġġieldu kontra dan il-fenomenu.

Fl-2010, l-Europol appoġġja investigazzjonijiet u inizjattivi mmirati lejn gruppi ta' kriminalità organizzata tal-Afrika tal-Punent li joperaw f'diversi reġjuni tal-UE, u gruppi li jittraffikaw l-eroina tul ir-rotta tal-Balkani. L-Europol organizza sensiela ta' laqgħat operattivi kemm fil-kwartieri ġenerali tiegħu fl-Aja u kif ukoll fl-Istati Membri. Il-prodotti kkonsenjati fl-2010 kienu jinkludu:

- 44 rapport ta' qbil
- 4 rapporti ta' analiżi
- 2 notifiki ta' intelligence

3.2.4. Kannabis

Fuq livell globali l-kannabis hija d-droga l-aktar prevalenti f'termini ta' produzzjoni, traffikar u konsum.



Tista' tieħu forom varji, bħall-kannabis erbali (marijuana), raża tal-kannabis (ħaxixa) u żejt tal-kannabis. L-Unjoni Ewropea hija suq ewlieni tal-konsumatur għall-kannabis.

Il-Proġett Kannabis tal-Europol beda f'Marzu 2010 fuq talba ta' diversi Stati Membri. Il-proġett jipprova jibda, jappoġġja u jikkoordina l-aspetti tal-intelligence ta' investigazzjonijiet, filwaqt li jtejjeb l-iskambju ta' informazzjoni, għarfien u esperjenza bil-kannabis. Il-Proġett Kannabis huwa maqsum f'żewġ sottoproġetti li jiffokaw fuq it-traffikar bl-ingrossa tal-kannabis u l-kultivazzjoni u l-produzzjoni tagħha.

Il-Proġett Kannabis jinkludi s-Sistema tal-Europol ta' Paragun tas-Sit ta' Kultivazzjoni tal-Kannabis (ECCCS) u s-Sistema Logo tal-Europol dwar il-Kannabis (ELSC). Dan jappoġġja wkoll l-attivitajiet tal-Grupp ta' Esperti Ewropej dwar il-Kannabis (EEGC) u huwa appoġġjat minnu. Għalkemm dan huwa proġett ġdid, diġà appoġġja bosta każi operattivi.

3.3. Traffikar tal-bnedmin

It-traffikar tal-bnedmin (THB) huwa reat serju li jaffettwa lill-Istati Membri kollha tal-UE. Irġiel, nisa u tfal jiġu sfruttati kemm minn kriminali individwali kif ukoll minn gruppi ta' kriminalità organizzata fuq bażi ta' kuljum fl-UE. Għalkemm bħalissa impossibbli tiġi stabbilita l-iskala eżatta tat-traffikar tal-bnedmin fl-UE u madwar id-dinja minħabba n-nuqqas ta' sistema armonizzata ta' ġbir tad-data, in-numru ta' vittmi fl-Ewropa biss huwa stmat li jlaħħaq mijiet ta' eluf. Informazzjoni mogħtija lill-Europol fl-2010 tenfasizza kif kważi kull pajjiż tal-UE huwa affettwat minn dan ir-reat serju, jew bħala pajjiż ta' sors, ta' tranżitu jew ta' destinazzjoni.

Fl-2010, skont id-data rreġistrata fis-sistemi tal-Europol, vittmi identifikati ta' traffikar prinċipalment ġew:

- mill-hub kriminali tax-Xlokk;
- mill-hub kriminali tal-Grigal;
- mill-Afrika tal-Punent; u
- mill-Asja.

Għalkemm l-isfruttament sesswali huwa l-aktar forma rrapportata b'mod wiesa' ta' traffikar, l-isfruttament tax-xogħol huwa fenomenu komuni wkoll li ħafna drabi ma jinkixifx minħabba nuqqas ta' għarfien ġenerali dwar is-suġġett. Fl-2010, ġiet identifikata tendenza ġdida fejn il-vittmi jiġu speċifikament ittraffikati sabiex jintalbu benefiċċji soċjali u tat-tfal b'mod frodulenti. Il-vittmi ta' dan ir-reat spiss ma jkunux konxji li l-benefiċċji li jkunu intitolati għalihom qegħdin effettivament jintalbu mit-traffikanti.

Filwaqt li ħafna vittmi jibqgħu jiġu traffikati bejn il-fruntieri, legalment jew le, il-livelli tat-traffikar intern jew domestiku żdied u dan jinkludi ċittadini tal-UE traffikati fl-Unjoni Ewropea.

L-Europol jirrapporta regolarment dwar dan il-fenomenu kriminali, biex jgħin lill-Istati Membri jidentifikaw theddid maħluq minn netwerks tat-traffikar. L-Europol jorganizza wkoll laqgħat operattivi biex jippermetti lill-investigaturi jiltaqgħu fuq bażi regolari u jagħmlu skambju ta' informazzjoni operattiva dwar każi li jkunu għaddejjin.

L-Europol kien preżenti fil-post biex jappoġġja diversi operazzjonijiet tat-traffikar tal-bnedmin fl-2010 u:

- darbtejn ipprovda appoġġ operattiv fuq il-post permezz tal-iskjerament tal-uffiċċju mobbli tiegħu, u b'hekk ippermetta lill-investigaturi jaċċessaw databases u għodod analitiċi direttament mill-operazzjonijiet;
- appoġġja b'mod attiv 14-il operazzjoni ta' traffikar ta' livell għoli; u
- ipprovda appoġġ għal ħafna investigazzjonijiet uniċi, li wassal għall-identifikazzjoni potenzjali ta' netwerks akbar ta' traffikar tal-bnedmin.

Timijiet konġunti ta' investigazzjoni (JITs)

Jistgħu jiġu stabbiliti timijiet konġunti ta' investigazzjoni sabiex itejbu aktar il-kooperazzjoni tal-pulizija. It-timijiet jikkonsistu minn awtoritajiet ġudizzjarji u tal-pulizija minn mill-inqas żewġ Stati Membri. Dawn huma responsabbli mit-twettiq ta' investigazzjonijiet kriminali fi kwistjonijiet speċifiċi għal perjodu limitat ta' żmien. L-Europol u l-Eurojust jistgħu jipparteċipaw u jikkoordinaw il-ħidma tal-JITs.

Fl-2010, l-Europol ipparteċipa f'seba' timijiet konġunti ta' investigazzjoni, u għalhekk iffirma ftehim ta' JIT ma' seba' Stati Membri tal-UE. Barra minn hekk, l-Europol kien involut b'mod attiv, u appoġġja, diversi JITs oħra mingħajr ma kien hemm ftehim formali fis-seħħ.

Operazzjoni ta' traffikar tal-bnedmin

F'Novembru 2010, l-Europol appoġġja lill-pulizija Awstrijaka u dik Ungeriża fis-salvataġġ ta' vittmi tat-traffikar sesswali u fl-arrest tal-organizzaturi tan-netwerk tat-traffikar tal-bnedmin.

Ħames nisa żgħażagħ, mill-Ungerija u mir-Rumanija, kienu qed jinżammu bħala skjavi tas-sess f'dar fin-nofsinhar tal-Ungerija u intimidati b'abbuż sesswali, fiżiku u psikoloġiku. In-nisa mbagħad ġew imċaqalqa lejn l-Awstrija, fejn kienu sfurzati fil-prostituzzjoni u għal darb'oħra msakkra mingħajr ebda kuntatt ma' ħbieb u familja. Huma kienu mġiegħla li jkollhom sess ma' 15 sa 20 klijent kuljum u ġew abbużati regolarment minn min ħatafhom. Dawn in-nisa ġew minn ambjenti foqra u ġew "reklutati" b'wegħdiet foloz ta' xogħol domestiku.

Bħala riżultat tal-operazzjoni, il-pulizija Ungeriża arrestat il-persuna prinċipali ssuspettata, Ungeriż ta' 54 sena u l-kompliċi Ungeriża tiegħu ta' 36 sena. Matul tiftix fid-djar, il-pulizija ssekwestraw armi tan-nar, ammont konsiderevoli ta' flus kontanti, ġojjelli, u assi oħra li jiswew diversi eluf ta' euro. Barra minn


© Il-Pulizija Ungeriża

hekk, ġie ssekwestrat tagħmir tal-IT u ta' komunikazzjoni, flimkien ma' ammont kbir ta' provi marbuta ma' attivitajiet kriminali matul l-aħħar 10 snin.

L-Europol bagħat l-espert tiegħu fil-post biex jikkoordina operazzjonijiet simultanji kemm fil-pajjiż ta' oriġini kif ukoll f'dak ta' destinazzjoni. Barra minn hekk, ġiet ipprovduta analiżi operattiva dedikata mill-Europol li għenet biex jinkixfu konnessjonijiet internazzjonali permezz ta' kontroverifiki fuq vittmi b'data diġà miżmuma fid-databases tal-Europol, kif ukoll biex jiġu stabbiliti konnessjonijiet ma' każi oħra rrapportati. L-Europol analizza wkoll data minn kontijiet dettaljati u tranżazzjonijiet finanzjarji miġbura matul il-jum ta' azzjoni li rriżulta f'aktar akkużi kontra l-persuni ssuspettati.

Operazzjoni Golf

Tmienja u għoxrin tifel u tifla ġew salvati bħala parti minn operazzjoni konġunta kbira mmexxija mill-Pulizija Metropolitana tar-Renju Unit u l-Europol. L-operazzjoni, li ġiet iffinalizzata f'Ottubru 2010, kienet parti minn investigazzjoni aktar wiesgħa msejħa l-Operazzjoni Golf, li kienet tikkonsisti f'tim konġunt ta' investigazzjoni (JIT) bejn il-Pulizija Metropolitana u l-Pulizija Nazzjonali Rumena. L-għan tal-JIT kien li jittratta netwerk speċifiku Rumen ta' kriminalità organizzata li kien qed jittraffika u jisfrutta t-tfal mill-komunità tar-Roma.


© Fotolia

Sal-lum, l-investigazzjoni wasslet għall-arrest ta' 126 individwu. Ir-reati jinkludu: traffikar tal-bnedmin (inkluż it-traffikar intern fir-Renju Unit), ħasil tal-flus, frodi tal-benefiċċji, negliġenza tat-tfal, tgħawwiġ tal-kors tal-ġustizzja, serq u trattament ta' oġġetti misruqa. Il-kawżi tal-qorti għadhom għaddejjin.

L-għan ewlieni tal-operazzjoni kien li tissalvagwardja t-tfal vittmi potenzjali u kienet tinvolvi tiftix f'16-il indirizz f'Ilford, Essex.

It-tfal li nstabu ttieħdu mill-pulizija f'ċentru apposta, b'esperti tal-protezzjoni tat-tfal, mill-awtorità lokali u l-fond tas-saħħa (health trust) lokali, fejn saru valutazzjonijiet individwali fuq kull wild. Il-proċess ta' valutazzjoni eżamina l-benesseri tat-tfal u pprova jidentifika jekk kinux ġew suġġetti għal sfruttament jew negliġenza.

L-Europol kien membru attiv tat-tim konġunt ta' investigazzjoni u pprovda għajnuna lill-awtoritajiet kompetenti billi:

- jagħti parir espert dwar it-twaqqif tal-JIT u l-ippjanar ta' attivitajiet strateġiċi u operattivi;
- jiżgura appoġġ analitiku tul l-investigazzjoni kollha. Wieħed mill-eżiti prinċipali minn din l-analiżi kien l-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-miri ewlenin tal-grupp ta' kriminalità organizzata, kemm fir-Rumanija kif ukoll fir-Renju Unit;

- jipprovdi għajnuna fuq il-post permezz tal-iskjerament tal-uffiċċju mobbli tiegħu, fir-Renju Unit u fir-Rumanija f'erba' okkażjonijiet; kull darba, twettqu verifiki fil-ħin reali fuq id-database biex jappoġġjaw operazzjonijiet tal-ġbir tal-intelligence u l-azzjonijiet ta' sfurzar tal-pulizija Brittaniċi u Rumeni (tiftix u arresti);
- jabbozza u jiddissemina 67 rapport ta' analiżi;
- jidentifika konnessjonijiet ewlenin ma' pajjiżi oħra tal-UE, speċjalment il-Belġju u Spanja.

Il-kwalità u l-kwantità tal-analiżi pprovduta mill-Europol kienet kruċjali għall-progress tal-każ. L-Europol huwa mistenni li jipprovdi aktar appoġġ fil-futur qarib.

L-użu tat-tfal mit-traffikanti issa huwa meqjus, **mhux biss bħala mezz biex jaqilgħu l-flus, iżda wkoll sabiex jiżguraw li l-investigazzjonijiet tal-pulizija jiġu mfixkla billi jinvolvu persuni suspettati u xhieda tfal**. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri addizzjonali sabiex jittrattaw dawn in-nies partikolarment vulnerabbli. F'ħafna każi t-tfal ikunu ġew "imħarrġa" biex ma jikkoperawx mal-awtoritajiet.

3.4. Sfruttament sesswali tat-tfal

Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' kontenut illegali li juri l-isfruttament sesswali tat-tfal huwa prinċipalment iffaċilitat mill-Internet. L-anonimità evidenti offruta minn dan il-mezz ta' komunikazzjoni tagħmel l-identifikazzjoni b'suċċess u l-post tal-awturi tar-reati diffiċli. L-iskoperta ta' materjal illegali hija biss parti, possibbilment il-bidu, ta' investigazzjoni ta' delitt kontra tifel jew tifla. Ir-rintraċċar u l-identifikazzjoni tat-tfal vittmi hija prijorità u sfida addizzjonali għall-infurzar tal-liġi.

Il-web jipprovdi wkoll pjattaforma għal reati oħra kontra t-tfal, bħall-preparazzjoni onlajn għall-abbuż sesswali ([6]) tat-tfal. Ladarba l-materjal ta' abbuż tat-tfal jittella' fuq l-Internet, huwa jikkostitwixxi vittimizzazzjoni permanenti mill-ġdid tat-tifel jew tifla li jidhru.

Tendenzi attwali

- L-awturi ta' reati sesswali fuq it-tfal jużaw aktar u aktar softwer sofistikat biex jipproteġu l-anonimità tagħhom. Huma jużaw konservazzjoni onlajn u tekniki avvanzati ta' kriptazzjoni biex jipproteġu ruħhom kontra eżaminazzjoni forensika diġitali mill-pulizija.
- Il-kriminali jidhru li jiffokaw fuq l-użu ta' kanali moħbija fejn l-aċċess privat jingħata biss lil dawk li jkunu "intgħażlu". Din is-"selezzjoni" tirriżulta mill-ammont u t-tip ta' stampi ta' abbuż sesswali li jaqsmu.
- Fl-aħħar sena, kien hemm tnaqqis irrapportat fin-netwerks kriminali madwar id-dinja li joffru websajts fejn tħallas biex tara (pay-per-view) l-abbuż sesswali tat-tfal.
- Bdew joħorġu fenomeni oħra, bħat-turiżmu taċ-ċibersess, fejn l-abbuż tat-tfal iseħħ quddiem webcam, wara li tintbagħat irċevuta tat-talba u tal-ħlas.

([6]) Il-preparazzjoni onlajn għall-abbuż sesswali hija l-proposta minn adult biex jiltaqa' ma' tifel li jkun għadu ma laħaqx l-età ta' kunsens sesswali skont il-liġi nazzjonali, bl-għan li jwettaq attivitajiet sesswali mat-tifel.

- L-awturi ta' reati sesswali fuq it-tfal jivvjaġġaw jew jimmigraw lejn pajjiżi speċifiċi fejn it-tfal jiġu offruti mill-familji, jew mill-faċilitaturi tagħhom, għal sfruttament u l-produzzjoni ta' materjal ta' abbuż fuq it-tfal.
- Il-materjal ta' abbuż fuq it-tfal jista' jiġi awtoprodott minn adoloxxenti jew tfal li jissottovalutaw ir-riskji tad-distribuzzjoni tal-istampi jew fajls b'films tagħhom. F'ċerti każi dawn ikunu ġew konvinti jew imġiegħla biex jipproduċu l-materjal minn awturi ta' reati sesswali fuq it-tfal permezz ta' preparazzjoni onlajn għall-abbuż sesswali.
- Il-preparazzjoni onlajn għall-abbuż sesswali u messaġġi sesswali lil żgħażagħ permezz ta' telefons ċellulari u tagħmir ta' multimidja (sexting) huma wkoll tendenzi osservati.

Reġistru apposta ta' ħidma ta' analiżi ġie maħluq fl-2001 għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-attivitajiet ta' netwerks kriminali involuti fil-produzzjoni, bejgħ jew distribuzzjoni ta' materjal ta' sfruttament sesswali tat-tfal, u reati assoċjati. Sal-lum, eluf ta' pakketti ta' intelligence u rapporti analitiċi ġew disseminati mill-Europol lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, biex jippermetttu l-identifikazzjoni ta' aktar minn 2 000 awtur ta' reati sesswali fuq it-tfal u l-identifikazzjoni ta' numru konsistenti ta' vittmi. L-Europol appoġġja lill-Istati Membri wkoll biex jeżaminaw b'mod forensiku kopji ta' materjal diġitali ssekwestrat mill-aġenziji tal-pulizija.

Operazzjoni Comfort

Fil-bidu tal-2010, il-pulizija nazzjonali Olandiża rċeviet informazzjoni u data minn kumpanija Olandiża ta' web hosting li wieħed mis-servers tal-klijenti tagħhom kien ġie użat mingħajr awtorizzazzjoni. Il-hackers kienu qiegħdu bord ta' immaġni b'materjal ta' abbuż tat-tfal fuq is-server tal-web użat mingħajr awtorizzazzjoni. Il-kumpanija salvat il-log fajls tas-server speċifiku, inkluż il-materjal ta' abbuż tat-tfal skopert, u bagħtitu lill-pulizija nazzjonali Olandiża.

Il-Pajjiżi l-Baxxi bagħtu d-data kriminali lid-databases tal-Europol. L-Europol analizza l-informazzjoni u qassam ir-rapporti ta' analiżi lill-pajjiżi affettwati kollha. Tul il-kors tal-analiżi, ġew identifikati 3 931 objettiv fl-UE u 6 041 barra mill-UE.

Operazzjoni Venice Carnival

L-Operazzjoni Venice Carnival damet mill-2009 sal-2010. Il-Pulizija Postali u ta' Komunikazzjonijiet Taljana u l-Europol kixfu grupp kriminali li kien qed jinstalla softwer malizzjuż fuq servers tal-web mhux protetti tal-kumpaniji biex jiddistribwixxu materjal xokkanti ta' abbuż sesswali tat-tfal onlajn.

Il-pulizija Taljana ġew mgħarrfa għall-ewwel darba dwar l-attività kriminali meta nanna, li kienet qiegħda innoċentament fuq l-Internet tixtri rigali għan-neputijiet tagħha, ikklikkjat fuq link għal ħanut onlajn u sabet ruħha diretta lejn websajt ta' abbuż tat-tfal. Hi immedjatament informat lill-pulizija li, fil-bidu tal-2009, bdew jissorveljaw regolarment l-attivitajiet ta' paġni web illegali li dehru li kienu hosted fuq web server Taljan.

Wara analiżi ulterjuri, ġie skopert li s-server websajt in kwistjoni, kif ukoll numru ta' oħrajn madwar id-dinja, kienu ġew infettati apposta bil-malware. Dan is-softwer malizzjuż kien qed jintuża minn grupp kriminali biex jiħħajġakkja servers mill-web u awtomatikament l-utenti innoċenti tal-Internet jittieħdu għal websajts illegali li kienu jospitaw materjal ta' abbuż tat-tfal.

Il-pulizija Taljana pprovdew intelligence fuq il-websajts infettati identifikati u din ġiet imqassma mill-Europol lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fl-UE, kif ukoll f'pajjiżi u aġenziji li l-Europol jikkopera magħhom. Aktar investigazzjonijiet urew li l-proprjetarji leġittimi tas-servers tal-web milquta ma kinux konxji tal-problema u ma kinux involuti b'mod attiv fl-attività kriminali. Studji kkonfermaw li s-servers tagħhom kienu ġew infettati minħabba nuqqas ta' sigurtà fuq l-Internet.

Il-grupp kriminali responsabbli mill-malware oriġina mill-Ewropa tal-Lvant, u kellu assoċjati madwar id-dinja kollha. Huwa maħsub li dawn ipproduċew il-materjal tal-abbuż tat-tfal huma stess li mbagħad ġie mqassam kummerċjalment permezz ta' websajts sikuri u anonimi. Il-Pulizija Postali u ta' Komunikazzjonijiet Taljana, b'ħidma mal-Europol, żviluppat strateġiji biex issegwi t-traċċa tal-flus u tiskopri l-klijenti u l-utenti finali tal-materjal illegali.

Bħala riżultat ta' din l-operazzjoni, aktar minn 1 000 server tal-web madwar id-dinja kollha "tnaddfu" flimkien mal-proprjetarji tas-servers, u b'hekk tnaqqset ħafna l-opportunità li ċ-ċittadini tal-UE jiskopru riżorsi illegali bħal dawn fuq il-web. L-investigazzjoni kumplessa għall-identifikazzjoni tal-produtturi u l-kriminali konnessi għadha għaddejja.

Proġett HAVEN — Twaqqif tal-Ewropej milli jabbużaw vittmi f'kull nazzjoni

Il-proġett HAVEN jikkoordina sforz komuni tal-UE biex jindirizza r-reati ta' abbuż sesswali tat-tfal li jitwettqu minn Ewropej barra mill-pajjiżi tal-oriġini jew ta' residenza permanenti tagħhom. Dan se jinkludi koordinazzjoni ta' operazzjonijiet internazzjonali mmexxija mill-awtoritajiet Ewropej tal-infurzar tal-liġi. Fit-tul, għandhom jiġu implimentati miżuri preventivi bħal avviżi permanenti jew sistema ta' twissija sabiex jirrintraċċaw awturi ta' reati sesswali fuq it-tfal, jillimitaw l-attivitajiet illegali tagħhom u jħarsu t-tfal.

Proġett dwar Materjal ta' Abbuż tat-Tfal Marbut mal-Internet

Il-Proġett tal-Cospol dwar Materjal ta' Abbuż tat-Tfal Marbut mal-Internet (Circamp) jippromwovi l-użu ta' teknoloġija ta' filtrazzjoni fi Stati Membri tal-UE li timblokka l-aċċess tal-utenti għal websajts kummerċjail ta' abbuż tat-tfal. Il-proġett implimenta b'suċċess il-filtru kontra d-distribuzzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal u xerrdu b'mod wiesa'. Il-filtru huwa attwalment fis-seħħ fid-Danimarka, fil-Finlandja, fl-Italja, Malta, fin-Norveġja, fl-Isvezja u fir-Renju Unit. Id-data li toriġina mill-imblukkar tal-attività minħabba l-filtri tal-Istati Membri tintbagħat lill-Europol għall-finijiet ta' analiżi.

Proġett Funnel Web

Proġett imsejjaħ Funnel Web jittratta talbiet li ġejjin minn reġistranti ta' websajts li huma kkategorizzati b'mod żbaljat b'salib iswed mill-filtru Circamp fl-Istati Membri msemmija hawn fuq. L-Europol, fi sħubija ma' Circamp, waqqfet mekkaniżmu ta' rappurtar għall-proprjetarji ta' domains imblukkati. Din is-sistema għandha l-għan li tiċċentralizza l-ilmenti u t-talbiet għar-reviżjoni tal-istatus differenti ta' domains sabiex tiggarantixxi li t-talbiet jistgħu jiġu pproċessati fil-pajjiżi kollha fejn id-domain ikollu salib iswed.

L-Europol jiffaċilita kuntatti bejn il-proprjetarji ta' domains u aġenziji kompetenti tal-infurzar tal-liġi. Madankollu, huwa fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri biex jiddeċiedu l-konsegwenzi legali possibbli li ġejjin mit-talbiet ta' reviżjoni.

Koalizzjoni Finanzjarja Ewropea

L-għan tal-Koalizzjoni Finanzjarja Ewropea (EFC) huwa li tfixkel qligħ finanzjarju magħmul mill-bejgħ ta' stampi ta' abbuż sesswali tat-tfal. Fi ħdan din l-inizjattiva, kumpaniji finanzjarji, tal-Internet u teknoloġiċi ewlenin ingħaqdu flimkien mal-Europol, mal-aġenziji tal-pulizija Ewropej, mal-Kummissjoni Ewropea u mal-NGOs speċjalizzati għall-protezzjoni tat-tfal biex isegwu, ifixklu u jikkonfiskaw qligħ kummerċjali magħmul minn dawk li jagħmlu profitt mid-distribuzzjoni ta' stampi indeċenti. Mill-bidu tal-2011, l-Europol se jikkoordina u jippresjedi grupp ta' tmexxija tal-koalizzjoni.

3.5. Immigrazzjoni illegali ffaċilitata

B'mod ġenerali, il-gruppi ta' kriminalità organizzata li jiffaċilitaw l-immigrazzjoni illegali għandhom tendenza li jkunu strutturati f'netwerks wiesgħin ta' gruppi iżgħar, u ħafna minnhom għandhom konnessjonijiet etniċi jew kulturali oħra għall-immigranti illegali li qed jiffaċilitaw. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata involuti juru livell għoli ta' flessibbiltà u l-kapaċità ta' kollaborazzjoni bejn il-fruntieri, irrispettivament mid-differenzi etniċi — anke f'reġjuni fejn hemm tradizzjoni ta' konflitti etniċi. Il-faċilitaturi ma jdumux ma jikxfu u jużaw tibdiliet varji fis-soċjetà, bħal tattiċi tal-infurzar tal-liġi u bidliet fil-leġiżlazzjoni jew regolamenti, kif ukoll il-ftuħ ta' rotot ġodda jew irħas ta' trasport jew punti ġodda għall-qsim tal-fruntieri.

L-Europol jipprovdi appoġġ analitiku lill-Istati Membri tal-UE biex jiġġieldu kontra l-immigrazzjoni illegali faċilitata. In-netwerks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali huma xi drabi involuti wkoll f'oqsma kriminali oħra bħall-falsifikazzjoni ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, it-traffikar tad-drogi, il-ħasil tal-flus, it-traffikar tal-bnedmin u affarijiet simili.



© Claudia Conrad

L-Europol qasam dan il-proġett analitiku f'sottoproġetti li jiffukaw fuq gruppi tal-kriminalità organizzata, nazzjonalitajiet, *modi operandi* jew oqsma ġeografiċi speċifiċi. Fl-2010, kien hemm seba' sottoproġetti attivi li jiffokaw fuq l-immigrazzjoni illegali ffaċilitata mill-Vjetnam, l-Iraq, l-Afganistan, l-Iran, l-Asja t'Isfel, l-Afrika ta' Fuq u l-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' dokumenti ffalsifikati. Minn Awwissu 2010, l-Europol ipparteċipa wkoll f'tim konġunt ta' investigazzjoni dwar żwiġijiet ta' konvenjenza stabbiliti taħt dan il-proġett analitiku.

Matul l-aħħar sena l-Europol appoġġja sitt operazzjonijiet Ewropej ewlenin immirati lejn netwerks kriminali li jiffaċilitaw l-immigrazzjoni illegali, li wasslu għall-arrest ta' aktar minn 80 faċilitatur. L-attivitajiet operattivi kienu kkoordinati matul laqgħat organizzati u ffaċilitati mill-Europol. Matul l-operazzjonijiet, it-tim tal-AWF kien preżenti fiċ-ċentri ta' koordinazzjoni operattiva u pprovda appoġġ permezz ta' kompetenza teknika u l-iskjerament tal-uffiċċju mobbli. Matul il-fażijiet tal-investigazzjoni, l-uffiċjali tal-Europol iffukaw fuq analiżijiet operattivi u, f'ħafna każi, ġew identifikati konnessjonijiet għal investigazzjonijiet oħra tal-UE. Ir-riżultati tal-analiżi ġew ikkomunikati permezz ta' kważi 150 rapport.

It-terminu "immigrazzjoni illegali ffaċilitata" ikopri numru ta' reati serji differenti, kollha mmirati biex jgħinu, għal qligħ finanzjarju, id-dħul jew residenza f'pajjiż, bi ksur tal-liġijiet tal-pajjiż. L-immigrazzjoni illegali ffaċilitata b'hekk tkopri l-produzzjoni u l-ksib ta' dokumenti tal-ivvjaġġar jew permessi ffalsifikati miksuba taħt pretenzjonijiet foloz, u l-provvista ta' trasport klandestin jew għajnuna oħra, sabiex jinkiseb dħul jew għajxien illegali — ħafna drabi konnessi ma' numru ta' attivitajiet kriminali oħra.

Operation Ile Fantastique

Din l-investigazzjoni pan-Ewropea damet għaddejja 14-il xahar. L-investigazzjonijiet iffukaw fuq persuni ssuspettati li kienu jwettqu kuntrabandu ta' immigranti irregolari prinċipalment mill-Vjetnam lejn l-UE. L-immigranti ġew mogħtija "garanzija" sħiħa tal-wasla.

Il-prezz għall-vjaġġ iggarantit kollu kien sa EUR 40 000 u seta' jdum minn ftit ġranet sa ħafna ġimgħat. Il-familji tal-immigranti ħafna drabi kienu jbiegħu d-djar u l-proprjetà tagħhom biex jiffinanzjaw il-vjaġġ, li jirriżulta f'dejn sostanzjali.

Wieħed mill-*modi operandi* użat minn dan in-netwerk kien li huma pprovdew lill-immiganti b'dokumenti tal-ivvjaġġar u viżi validi li nħarġu għal raġunijiet foloz, bl-għajnuna ta' uffiċjali konsulari korrotti. Ladarba l-immigrant jasal fl-Ewropa, id-dokumenti tal-ivvjaġġar jingħataw lura lin-netwerk kriminali.

Bl-appoġġ magħqud tal-Europol u l-Eurojust, l-uffiċjali tal-pulizija Ingliżi, Franċiżi, Ġermaniżi u Ungeriżi arrestaw 31 faċilitatur issuspettat b'immigrazzjoni illegali f'Ġunju 2010. Sar tiftix fi 42 post matul l-operazzjoni. B'kollox 66 immigrant mill-Vjetnam instab matul it-tiftix fid-djar.

Esperti tal-Europol kienu preżenti fiċ-ċentru ta' koordinazzjoni biex jipprovdu kompetenza teknika u appoġġ ta' analiżi operattiva. Matul il-fażi ta' investigazzjoni, l-Europol ħejja rapporti ta' intelligence u ffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni. Ġew skoperti rabtiet kriminali ġodda mill-Europol waqt il-ħidma b'kooperazzjoni mill-qrib ma' esperti nazzjonali.

Operazzjoni Alcazar

F'Ġunju 2010, l-Europol appoġġja uffiċjali tal-pulizija Franċiżi, Ġermaniżi u Spanjoli fl-arrest ta' 18-il persuna ssuspettati li ffaċilitaw l-immigrazzjoni illegali fl-UE. L-investigaturi wettqu tiftix fi 15-il post, u arrestaw nies li oriġinaw prinċipalment mis-sottokontinent Indjan kif ukoll ċittadin Marokkin wieħed. Matul it-tiftix fid-djar instabu u ġew issekwestrati kopji ta' passaporti, kif ukoll seba' armi.

L-immigranti irregolari waslu fl-UE b'dokumenti ġenwini tal-ivvjaġġar magħmulin apposta u maħruġa fuq identitajiet oħra, li kienu jinkludu viża ta' 90 jum valida għall-finijiet tax-xogħol. Ladarba l-immigranti kienu waslu fl-Ewropa, id-dokumenti tal-ivvjaġġar ġew irritornati lill-faċilitaturi biex jerġgħu jintużaw.



Il-flus (spejjeż u qligħ finanzjarju) involuti fil-parti Franċiża tal-investigazzjoni kienu aktar minn EUR 1 miljun. Għall-vjaġġ kollu, l-immigranti ħallsu bejn EUR 13 000 u EUR 15 000 għall-adulti u madwar EUR 8 000 u EUR 10 500 għat-tfal.

L-esperti tal-Europol ipprovdew kompetenza teknika u appoġġ ta' analiżi operattiva matul l-investigazzjoni u ħejjew ukoll rapporti ta' intelligence u ffaċilitaw l-iskambju ta' intelligence kriminali.

3.6. Il-falsifikazzjoni tal-euro

L-Europol għandu l-mandat biex jipprevjeni u jiġġieled kontra l-falsifikazzjoni tal-flus, b'mod partikolari l-euro, u ġie nnominat bħala l-uffiċċju ċentrali tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni tal-euro. Dan l-istatus legali jikkwalifika lill-Europol biex jaġixxi bħala punt ta' kuntatt madwar id-dinja kollha għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni tal-euro.



Operazzjoni Seaweed

F'Ġunju 2010, fuq il-periferija ta' Borris-in-Ossory, 125 km minn Dublin, il-Garda Bureau tal-Investigazzjoni tal-Frodi sabu dak li qabel kien impjant tal-konkrit fi triq rurali, li kien jikkonsisti f'maħżen kbir, silo u għadd ta' karrijiet ta' 40 pied. Maħżen wieħed fuq barra kien ġie mikri minn persuna ssuspettata li installat Portakabin bħala uffiċċju. Taħtu kien hemm bunker mibni apposta magħmul minn żewġ kontejners konnessi kompletament armati għall-użu bħala ħanut tal-istampar għall-falsifikazzjoni. L-aċċess għal dan il-bunker kien permezz ta' passaġġ moħbi taħt it-tapit tal-uffiċċju. Fil-bunker kien hemm tagħmir tal-istampar speċjalizzat ħafna.





Uffiċjali tal-Europol ingħaqdu mat-tim forensiku Garda u pprovdew appoġġ tekniku. Ir-rejds kienu mmirati lejn proġett sofistikat ta' falsifikazzjoni tal-munita, l-ewwel wieħed ta' dan it-tip u skala li ġie skopert fl-Irlanda. L-Europol ipparteċipa f'din l-operazzjoni b'uffiċċju mobbli fuq il-post, tagħmir forensiku (dawl UV, skaners tat-telefon ċellulari u tagħmir ieħor), u kien użat ukoll bħala pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet Irlandiżi u aġenziji oħra tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri. Ġew arrestati erba' rġiel matul din l-operazzjoni. Kieku ma ġiex mikxuf mill-pulizija, dan il-grupp kriminali kien ikollu l-kapaċità li jimli s-suq b'miljuni ta' karti tal-flus falsifikati (euro, liri sterlini, dollari Amerikani u oħrajn). L-Europol ipparteċipa f'żewġ laqgħat operattivi u pprovda appoġġ fuq il-post b'uffiċċju mobbli u għodda tal-forensika (UFED).

Operazzjoni Thessaloniki

Fi Frar 2010, id-diviżjoni tas-sigurtà tal-pulizija ta' Tessaloniki arrestat erba' kapijiet ta' grupp ta' kriminalità organizzata responsabbli mid-distribuzzjoni fuq skala kbira u l-kuntrabandu ta' karti tal-flus tal-euro falsifikati fil-Greċja.

Il-grupp kien magħmul minn ċittadini Griegi li żammew kuntatti ma' gruppi ta' kriminalità organizzata fil-Federazzjoni Russa, fil-Bulgarija u f'pajjiżi oħra. Il-persuni ssuspettati kienu involuti wkoll fil-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali fl-Unjoni Ewropea. Il-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija, ikkoordinata mill-Europol, bdiet fin-nofs tal-2007, meta madwar EUR 70 000 f'karti ta' flus foloz ta' EUR 100 u EUR 200 ġew issekwestrati f'belt żgħira msejħa Shakhty fin-nofsinhar tar-Russja. L-awtoritajiet Russi nnotifikaw lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE dwar dan il-kanal ta' distribuzzjoni ta' euro foloz u appoġġjaw l-investigazzjoni Griega.

L-investigazzjoni ħadet uffiċjali tal-pulizija fil-belt Griega ta' Tessaloniki, fejn il-kriminali kienu qed jaġixxu bħala intermedjarji għall-falsifikaturi mill-belt Bulgara ta' Plovdiv. Il-ħanut tal-istampar — is-sors ewlieni tal-flus foloz — ġie żarmat minn tim konġunt ta' investigazzjoni ta' uffiċjali Bulgari u Spanjoli tal-infurzar tal-liġi, appoġġjat mill-Eurojust u kkoordinat mill-Europol.

L-Europol jikkopera mill-qrib mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, mal-Bank Ċentrali Ewropew, mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), mal-Interpol u ma' sħab oħra.

Sabiex iwettaq din il-funzjoni ċentrali tal-uffiċċju, l-Europol joffri firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi lill-Istati Membri tal-UE u sħab oħra. L-Europol jappoġġja b'mod attiv lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi permezz tal-ġbir, l-analiżi, id-disseminazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' intelligence kriminali, kif ukoll jipprovdi kompetenza u għarfien ieħor għall-appoġġ tal-investigazzjonijiet.

Operazzjoni Most

F'April 2010, ġew arrestati 14-il persuna fil-belt ta' Lublin. Il-persuni ssuspettati kienu membri ta' netwerk Pollakk ewlieni li kien qiegħed iqassam karti tal-flus foloz ta' EUR 50 u EUR 100 fl-UE. Ir-rejd, li involva aktar minn 120 uffiċjal tal-pulizija, kien riżultat ta' tliet snin ta' investigazzjonijiet fl-Italja, fil-Polonja u fi Spanja, li kienu kkoordinati u appoġġjati mill-Europol. Żewġ uffiċjali tal-Europol ipprovdew appoġġ fuq il-post permezz tal-użu tal-uffiċċju mobbli tal-Europol. L-Europol ipprovda lill-Polonja b'diversi rapporti ta' analiżi operattiva, inkluż rapport ta' analiżi importanti u estensiv dwar in-netwerks soċjali.

L-investigazzjoni kollha tal-Operazzjoni Most ikkonċernat diversi fergħat ta' grupp Pollakk ta' kriminalità organizzata, li kien qiegħed jopera f'pajjiżi differenti tal-UE. B'kollox ġew arrestati aktar minn 80 kriminal fl-Operazzjoni Most.

L-Europol kien involut f'din l-investigazzjoni minn Ġunju 2008 u appoġġjaha analitikament, loġistikament u finanzjarjament. L-Europol ikkoordina wkoll il-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-Ġermanja, l-Italja, il-Polonja u Spanja u pprovda pariri u taħriġ. Fil-qafas ta' din l-investigazzjoni ġew organizzati diversi laqgħat operattivi fl-Europol u fl-Istati Membri tal-UE. Darbtejn ingħata appoġġ operattiv lill-investigazzjonijiet inkluż l-iskjerament tal-uffiċċju mobbli. L-operazzjoni kienet meqjusa bħala suċċess kbir peress li wasslet għaż-żarmar ta' grupp kriminali perikoluż ewlieni involut fid-distribuzzjoni tal-massa ta' karti tal-flus euro foloz.


© Europol

Dak jinkludi wkoll parteċipazzjoni f'timijiet konġunti ta' investigazzjoni u l-għoti ta' appoġġ finanzjarju u ta' għajnuna fuq il-post kull meta tintalab. Barra minn hekk, l-Europol jipprovdi appoġġ forensiku lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. L-appoġġ forensiku jiddetermina l-oriġini ta' materjali u tagħmir użati għall-manifattura ta' flus foloz. Barra minn hekk, l-Europol jipprovdi appoġġ tekniku u taħriġ dwar kwistjonijiet tattiċi u tekniċi marbuta mal-protezzjoni tal-euro mill-falsifikazzjoni.

L-Europol huwa involut fl-investigazzjonijiet ewlenin kollha tal-falsifikazzjoni tal-euro fl-UE. Fl-2010, 838 każ ta' falsifikazzjoni tal-euro u frodi bil-kards ta' pagament kienu effettivament appoġġjati mill-Europol, li wasslu għaż-żarmar ta' ħames ħwienet ewlenin tal-istampar. Ir-riżultati tal-investigazzjonijiet tal-falsifikazzjoni tal-euro li kienu appoġġjati finanzjarjament mill-Europol kienu jinkludu s-sekwestru ta' aktar minn EUR 6 miljun iffalsifikati u 70 arrest.

Iż-żarmar ta' ħanut tal-istampar ta' falsifikazzjoni fil-Bulgarija

F'Ottubru 2010, matul operazzjoni speċjali tal-pulizija mmexxija mill-awtoritajiet Bulgari, tliet persuni ssuspettati ġew arrestati u ħanut tal-istampar ta' falsifikazzjoni ġie żarmat. L-istampatur illegali kien mgħammar bl-għodda li ġejjin għall-produzzjoni ta' flus foloz:

- Heidelberg offset printer u magna għall-istampar bis-sħana (għall-produzzjoni ta' hologram patches);
- giljottina industrijali għall-qtugħ tal-karti;
- makkinarju li jgħodd il-karti tal-flus;
- lampi tal-UV, tagħmir ieħor ewlieni u materja prima.





Għal din l-operazzjoni, l-Europol ipprovda analiżi operattiva u appoġġ tekniku fuq il-post permezz tal-uffiċċju mobbli tiegħu. L-esperti tal-Europol wettqu analiżi teknika fuq il-magni ssekwestrati, u sabu stampi kemm viżibbli kif ukoll fluworexxenti ta' karti tal-flus ta' EUR 100 fuq il-gomma tal-magna tal-istampar offset. Dawn is-sejbiet indikaw b'mod ċar li l-magna kienet ġiet użata għall-produzzjoni ta' karti tal-flus euro foloz.

3.7. Frodi tal-kards ta' pagament

Il-frodi tal-kards ta' pagament hija problema globali li qed jikber, li tikkawża telf finanzjarju kbir fl-Unjoni Ewropea. Fl-istess ħin, dan it-telf jikkostitwixxi assi għal gruppi ta' kriminalità organizzata u d-dħul illegali tagħhom jiġi investit fl-iżvilupp ta' forom oħra ta' attività kriminali.

Bħala punt ċentrali għall-iskambju ta' intelligence dwar dan it-tip ta' frodi, l-Europol jappoġġja attivitajiet investigattivi biex jipproteġi lis-suq tal-UE u l-klijenti tagħha, mhux biss fl-UE iżda wkoll madwar id-dinja.



L-Europol iħejji rapporti analitiċi u valutazzjonijiet ta' theddid fuq frodi tal-kards ta' pagament u attivitajiet ta' gruppi ta' kriminalità organizzata f'dan il-qasam. Peress li l-frodi tal-kards ta' pagament huwa fenomenu transkonfinali, it-timijiet konġunti ta' investigazzjoni huma applikati wkoll biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fuq livell tal-UE.

Il-prodotti bl-ogħla klassifikazzjoni tal-Europol

Is-sit elettroniku taċ-Ċentru ta' Informazzjoni dwar ir-Reati Finanzjarji
Aħbarijiet dwar il-falsifikazzjoni tal-flus
Katalogu tal-Europol tal-emblemi tal-Ecstasy
Rapport dwar is-sitwazzjoni tal-falsifikazzjoni tal-munita Euro
Notifikazzjonijiet tal-Intelliġenza dwar il-frodi tal-pagamenti mhux f'kontanti
Rapport konġunt EMCDDA/Europol dwar sustanzi psikoattivi ġodda

Sors: Servej tal-utenti tal-Europol.

Permezz tal-aħbarijiet tiegħu rigward il-frodi tal-kards ta' pagament, l-Europol jikkomunika informazzjoni dwar tendenzi ġodda, tekniki kriminali u *modi operandi* lil investigaturi fi Stati Membri u pajjiżi ta' kooperazzjoni.

Il-Valutazzjoni tat-Theddid dwar Frodi tal-Kards ta' Pagament fl-Unjoni Ewropea

Fl-2010, l-Europol elabora Valutazzjoni tat-Theddid dwar Frodi tal-Kards ta' Pagament fl-Unjoni Ewropea li se jinħareġ fl-2011. Ir-rapport jippreżenta s-sitwazzjoni attwali u tendenzi futuri fil-kriminalità għall-kards ta' pagament u tranżazzjonijiet bil-kards.

Din hija l-ewwel darba li valutazzjoni bħal din ġiet prodotta. Sal-lum, figuri u *modi operandi* speċifiċi ma ġewx ippubblikati biex b'hekk l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ma kellhomx l-istampa sħiħa. Filwaqt li tirrikonoxxi l-problema dejjem tikber tal-kards, l-industrija ddeċidiet li tgħaqqad l-isforzi u pprovdiet data sensittiva ħafna lill-Europol għall-analiżi, li wasslet għall-produzzjoni tal-valutazzjoni ta' theddid.

Il-valutazzjoni ta' theddid għandha l-għan li tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kontromiżuri u azzjonijiet speċifiċi li għandhom jittieħdu fuq livelli nazzjonali u Ewropej biex jitnaqqas il-livell tal-frodi. Is-sitwazzjoni attwali u d-dħul illeċitu magħmul mill-kriminali, li jaqbeż EUR 1 500 000 000, jeħtieġ azzjoni urġenti u kollaborattiva.

Fl-2010, l-Europol stabbilixxa **netwerk ta' esperti forensiċi** responsabbli mill-eżami ta' tagħmir ta' "skimming". In-netwerk jiffaċilita l-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra l-frodi tal-kards ta' pagament minn perspettiva teknika.

L-uffiċċju mobbli u l-għodda forensika mobbli (inklużi d-database tal-Card Reader, tal-Apparat Universali ta' Estrazzjoni Forensika (UFED) u tal-Card Checker) iġibu valur addizzjonali fuq il-post biex jappoġġjaw miżuri investigattivi. Il-Card Reader jista' jikseb data minn strixxa manjetika u ċippa ta' kard ta' pagament ġenwina jew falza. Fl-2010, l-Istati Membri bagħtu cards issekwestrati lill-Europol biex jieħu data minnhom. Alternattivament, il-Card Reader jista' jintuża direttament f'rejd tal-pulizija għall-istess għan. Id-data tista' tittieħed minn telefon ċellulari permezz tal-UFED, u żewġ operazzjonijiet ta' suċċess ġew appoġġjati b'dan il-mod peress li t-tagħmir beda jintuża f'Settembru 2010. Id-database tal-Card Checker jiġġenera dettalji tal-emittent tal-kard u tintuża fuq bażi ta' kuljum fl-Europol.

Il-kooperazzjoni bejn l-Europol u l-industrija privata rriżultat fl-istabbiliment ta' **database tal-Card Checker** fl-Europol, li fiha informazzjoni globali dwar emittenti tal-kards ta' pagament (AMEX, VISA, MasterCard u kards ta' pagament għall-fjuwil).

Fl-2010, l-Europol appoġġja investigazzjonijiet multipli tal-infurzar tal-liġi tal-UE dwar it-tfixkil ta' dawk li jwettqu l-frodi internazzjonali tal-kards ta' pagament. L-Europol iffoka fuq l-aktar gruppi perikoluži ta' kriminalità organizzata li jipproduċu u jużaw tagħmir illegali biex jikkuppjaw, jiffalsifikaw u jagħmlu użu ħażin ta' kards ta' pagament. Diversi fabbriki ta' tagħmir ta' skimming u netwerks globali ta' kuntrabandu ta' tagħmir, data tal-kards u flus ġew imfixkla bħala riżultat ta' kooperazzjoni transkonfinali effettiva.


© Fotolia

Skimming: l-ikkupjar ta' strixxa manjetika ta' kard ta' pagament — mingħajr l-għarfien jew il-kunsens tad-detentur tal-kard — ġeneralment jiġri meta kard ta' pagament tintuża f'ATM jew terminal ta' punt ta' bejgħ ġenwini mid-detentur tal-kard. Id-data mbagħad tinkiteb (tiġi kklonjata) fuq karti ġodda li jintużaw biex jagħmlu ġbid illeċitu ta' flus, li normalment isir barra mill-pajjiż ta' residenza tad-detentur tal-kard.

Operazzjoni The Godfather

Għal din l-operazzjoni, l-Europol appoġġja kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi mill-Belġju, il-Ġermanja, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Rumanija u l-Isvezja, li rriżultat fit-tfixkil ta' fabbriki ta' tagħmir ta' skimming illegali fir-Rumanija, u l-arrest tal-membri ta' klikek kriminali. In-netwerk kriminali kienet ilha tagħmel skimming ta' kards u tagħmel ġbid illegali ta' flus. It-tagħmir ta' skimming issekwestrat kien lest biex jitwaħħal ma' ħafna tipi ta' ATMs differenti (magni teller awtomatiċi) użati madwar id-dinja. Ir-rejd finali, b'tiftix f'31 dar, seħħ f'Bukarest f'Jannar 2010. Mijiet ta' kards foloz ta' pagament, data mhux ipproċessata fuq il-kards, apparat ta' skimming, tagħmir elettroniku (mikrokameras, pads tal-PIN) u għodod użati għall-produzzjoni ta' kards ta' kreditu foloz, ġew issekwestrati wkoll. L-Europol ipprovda lir-Rumanija b'diversi rapporti analitiċi u l-analiżi ta' softwer ta' skimming. Matul ix-xhur li ġejjin wara r-rejd f'Bukarest, waqfu l-attakki ta' skimming.

Operazzjoni Lottery

Grupp ta' kriminalità organizzata kien attiv fi Franza, fl-Italja, fir-Rumanija u fi Spanja, li kien qiegħed jagħmel użu ħażin ta' data ta' kards ta' pagament li kienet insterqet permezz tal-Internet. F'perjodu ta' żmien qasir il-kriminali kienu kkawżaw telf ta' EUR 400 000. L-Europol appoġġjat l-operazzjoni internazzjonali għal aktar minn sena, inizjalment billi ħejja diversi rapporti analitiċi, li indika d-dimensjoni internazzjonali tal-każ.

Imbagħad, f'Ottubru 2010, l-uffiċċju mobbli, id-databases u t-tagħmir tekniku tal-Europol ġew installati fiċ-ċentru operattiv fir-Rumanija, li twaqqaf biex jiffaċilita r-rejd finali. Barra minn hekk, l-għodda forensika mobbli kienet intużat biex id-data tiġi rkuprata u ċċekkjata immedjatament mad-databases tal-Europol. L-aġenti tal-infurzar tal-liġi wettqu tiftix fi 17-il dar u 22 intervista ma' persuni ssuspettati, u ġew eżegwiti 16-il mandat ta' arrest fi Franza u fir-Rumanija. L-operazzjoni pproteġiet lis-suq Ewropew minn aktar attakki minn dan il-grupp.

L-Europol jirakkomanda passi sempliċi li jistgħu jittieħdu biex tevita li ssir vittma ta' skimming

Ipproteġi l-PIN code tiegħek. Dejjem **għatti t-tastiera** tiegħek b'idejk u b'ġismek sabiex tevita li xi ħadd jarak iddaħħal il-PIN tiegħek. Tagħti l-PIN tiegħek lil ħadd (anke jekk dawn jippreżentaw lilhom infushom bħala uffiċjali tal-pulizija jew rappreżentanti tal-bank).

Oqgħod attent għal min hemm madwarek. Jekk xi ħadd qiegħed iġib ruħu b'mod suspettuż, jew iġiegħlek tħossok skomdu, agħżel magna oħra.

Oqgħod qrib il-magna tal-flus. Jekk tinnota xi ħaġa stramba dwar il-magna tal-flus tużahiex u rrapportaha lill-bank jew lill-pulizija immedjatament.

Oqgħod attent. Jekk xi ħadd ikun qiegħed wisq viċin tiegħek jew qed josservak, ħassar it-tranżazzjoni u mur f'magna oħra.

3.8. Kriminalità ta' teknoloġija avvanzata

Iċ-Ċentru tal-Kriminalità ta' Teknoloġija Avvanzata fl-Europol jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fil-ġlieda ġenerali kontra ċ-ċiberkriminalità. Iċ-ċentru qed jiżviluppa pjattaforma Ewropea biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam emerġenti importanti ta' attività kriminali.



© Fotolia

3.8.1. Ċiberkriminalità

L-attività malizzjuża fuq l-Internet kompliet iżżid fl-2010. Permezz ta' attakki fuq is-servizzi tal-web, pereżempju permezz tal-użu ta' malware (softwer malizzjuż), l-utenti finali huma dejjem aktar vulnerabbli għall-hackers. Fl-istess ħin, tkompli tiffjorixxi l-ekonomija moħbija fejn iċ-ċiberkriminali jagħmlu skambju tal-informazzjoni, tal-ħiliet u l-għodod miksuba illegalment tagħhom.

Issa hemm ekonomija diġitali moħbija sofistikata u awtosuffiċjenti, fejn id-data li fiha hija komodità illeċita. Data personali u finanzjarja misruqa għandha valur monetarju tanġibbli. Dan imexxi firxa ta' attivitajiet kriminali ġodda, bħall-phishing, pharming, id-distribuzzjoni tal-malware u l-hacking ta' databases korporattivi, u hija appoġġjata minn infrastruttura sħiħa ta' kittieba ta' kodiċi malizzjużi, web hosts speċjalizzati u individwi li kapaċi jikru netwerks ta' ħafna eluf ta' kompjuters kompromessi biex iwettqu attakki awtomatizzati.

Permezz ta' reġistru ta' analiżi ta' ħidma apposta, l-Europol kien parti mill-operazzjonijiet transkonfinali li kienu jinvolvu softwer malizzjuż li jattakka lil-istituzzjonijiet finanzjarji. Attwalment, għadd ta' każi huma għaddejjin u qegħdin jiġu appoġġjati mill-Europol. Din l-attività hija mistennija li tmexxi l-azzjonijiet konġunti fis-sena li ġejja.

Iż-żieda fit-theddid taċ-ċiberkriminalità fl-UE wasslet għal sitwazzjoni fejn iċ-ċiberkriminalità issa hija prijorità fl-istrateġija tas-sigurtà interna tal-UE u konsegwentement ukoll għall-Europol.

Fl-2010, faċilitajiet diġitali forensiċi ta' riċerka u żvilupp ġew stabbiliti fl-Europol u dawn huma mistennija li jikbru fis-sena li ġejja, b'riżorsi tekniċi ġodda.

L-Europol reċentement żviluppa u pprovda tliet korsijiet ġodda fl-investigazzjonijiet dwar iċ-ċiberkriminalità, għall-uffiċjali tal-pulizija speċjalizzati tal-UE u tal-pajjiżi ta' adeżjoni.

It-Task Force Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EUCTF), magħmul mill-kapijiet tal-UE ta' unitajiet taċ-ċiberkriminalità, il-Kummissjoni Ewropea u l-Eurojust, ġie stabbilit fl-Europol fl-2010 sabiex joħloq pjattaforma għall-maniġers fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet dwar iċ-ċiberkriminalità. L-EUCTF se jgħin fl-iżvilupp u l-promozzjoni ta' approċċ armonizzat tal-UE għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, u biex tindirizza problemi kkawżati mill-użu ta' ċiber teknoloġija għal min jikkommetti reat. L-Europol ikompli jtejjeb ukoll ir-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni mal-industrija privata u mal-akkademiċi, peress li dawn għandhom rwol importanti fiċ-ċiberkriminalità u fir-riċerka; strateġiji ġodda se jiddaħħlu fis-seħħ sabiex irawmu dan il-proċess ta' kollaborazzjoni.

Bħala parti mill-programm ta' Stokkolma, li l-għan tiegħu huwa li joħloq żona unika ta' ġustizzja u sigurtà għall-500 miljun ċittadin tal-Unjoni Ewropea, l-Europol ġie mistieden biex issaħħaħ l-analiżi strateġika taċ-ċiberkriminalità. Sar ftehim dwar diversi konklużjonijiet u inizjattivi biex tiġi definita strateġija miftiehma għall-ġlieda effettiva kontra ċ-ċiberkriminalità. Dan se jsir b'mod xieraq għar-reati multipli mwettqa b'dawn il-mezzi: stampi ta' vjolenza sesswali u abbużi sesswali tat-tfal, attivitajiet terroristiċi, attakki fuq netwerks elettroniċi, frodi, serq ta' identitajiet, eċċ.

Sabiex jikkontribwixxi favur l-ippjanar strateġiku għal Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità, l-Europol ipproduċa l-iOCTA — Valutazzjoni ta' Theddid dwar Kriminalità Organizzata Ffaċilitata Permezz tal-Internet li għandha tiġi rilaxxata fl-2011.

3.8.2. Il-Pjattaforma taċ-Ċiberkriminalità tal-Europol

Il-Pjattaforma taċ-Ċiberkriminalità implimentata bħalissa fl-Europol hija bbażata fuq tliet pilastri:

- Is-Sistema Onlajn tar-Rappurtar tal-Kriminalità fuq l-Internet (CROs). Dan huwa hub Ewropew f'netwerk ta' punti nazzjonali ta' rappurtar onlajn fl-Istati Membri u f'partijiet terzi ta' Europol, fejn ir-reati kollha osservati fuq l-Internet jistgħu jiġu rrappurtati u jittellgħu fuq il-livell Ewropew jekk ikun meħtieġ.
- Ir-reġistru apposta ta' analiżi ta' ħidma tal-Europol li għandu fil-mira tiegħu l-kriminalità organizzata fuq l-Internet u mmexxija mill-ICT, immirata lejn gwadann finanzjarju. L-enfasi hija fuq l-identifikazzjoni u ż-żarmar eventwali ta' gruppi attivi fiċ-ċiberkriminalità. B'mod ġenerali, l-attività ċiberkriminali tindirizza attakki fuq sistemi jew netwerks tal-kompjuter. B'mod aktar speċifiku, ir-reati mwettqa jinkludu l-iżvilupp ta' malware, hacking, serq ta' identitajiet, u phishing ikkumpli-

kat, u attakki fuq il-kummerċ elettroniku. Ir-reġistru ta' analiżi tal-ħidma huwa risposta waħda għat-talba mill-Istati Membri tal-UE biex jgħin jindirizza ċ-ċiberkriminalità fuq livell internazzjonali.

- Il-pjattaforma tal-Kompetenza Forensika fuq l-Internet (i-FOREX). Din tikkonsisti f'faċilità bbażata fuq portal u tinkludi l-informazzjoni kollha mhux marbuta ma' data personali/operattiva li fil-fatt hija inkluża fiż-żewġ pilastri msemmija hawn fuq. L-informazzjoni inkluża fl-i-FOREX se tirrigwarda prinċipalment l-aħjar prattika u t-taħriġ tal-pulizija u se tgħin lill-investigaturi biex iżommu l-ħiliet tekniċi rispettivi tagħhom aġġornati.

3.9. Kriminalità tal-proprjetà intellettwali

Il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) jirreferi għall-ksur ta' żewġ kategoriji ewlenin ta' drittijiet rikonoxxuti u protetti. L-ewwel waħda tirrigwarda l-proprjetà industrijali li tkopri diversi oqsma bħal sinjali distintivi (trademarks), privattivi, disinji u mudelli (falsifikazzjoni). It-tieni waħda tirreferi għad-drittijiet tal-awtur ta' xogħlijiet letterarji u artistiċi, bħal films, xogħol mużikali u programmi tas-softwer (piraterija). Il-falsifikazzjoni hija r-reat marbut mal-ksur tal-proprjetà industrijali, filwaqt li l-piraterija hija r-reat marbut mal-ksur tad-drittijiet tal-awtur.

Ċirku tal-piraterija



Il-Pulizija Ġudizzjarja Federali Belġjana — l-Unità tal-Kriminalità tal-Kompjuters ta' Brussell — mexxiet investigazzjoni internazzjonali fuq netwerk ta' piraterija tal-films. F'Settembru 2010, l-Europol u l-Eurojust ikkollaboraw fi sforzi koordinati li wasslu għall-arrest ta' 15-il persuna u s-sekwestru ta' 49 server tal-kompjuter fi 12-il pajjiż tal-UE u pajjiż wieħed mhux fl-UE. It-telf fl-industrija minħabba l-piraterija minn dan il-grupp kriminali kien stmat għal madwar EUR 30 miljun fis-sena.

Iċ-Ċentru ta' Kriminalità ta' Teknoloġija Avvanzata tal-Europol u tim analitiku organizzaw laqgħat operattivi fl-Europol biex jistabbilixxu l-aħjar strateġija. F'dan il-qasam tekniku ħafna, kien essenzjali li tiġi protetta l-prova diġitali li ġiet maħżuna fuq servers u hard disks, għalhekk azzjoni simultanja kienet fattur ewlieni f'din l-operazzjoni ta' suċċess. Matul il-jum ta' azzjoni, uffiċjali ta' kollegament mit-13-il pajjiż involuti użaw il-kamra operattiva tal-Europol biex jagħmlu skambju ta' informazzjoni fil-ħin reali matul ir-rejd.

Skont l-aktar figuri riċenti, fl-2009, 118 miljun oġġett iffalsifikat jew ikkupjat, li involvew 43 500 każ, ġew miżmuma mid-dwana fil-fruntieri tal-UE ([7]). Dawn il-figuri ma jikkunsidrawx "sekwestru intra-UE" jew investigazzjonijiet magħmula minn aġenziji oħrajn tal-infurzar tal-liġi bħall-pulizija u s-servizzi tad-dwana. Barra dan, ma jinkludux lanqas il-kxif ta' prodotti ffalsifikati manifatturati fl-UE. L-Osservatorju Ewropew dwar il-Falsifikazzjoni u l-Piraterija nħoloq bl-għan li jtejjeb il-kwalità ta' informazzjoni u statistika disponibbli dwar il-falsifikazzjoni u l-piraterija fis-suq intern tal-UE ([8]).

([7]) Figuri ppubblikati mid-DĠ għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali tal-Kummissjoni Ewropea, 7 ta' Lulju 2009.

([8]) http://ec.europa.eu/internal_market/iprenforcement/observatory/index_en.htm

Il-falsifikazzjoni m'għadhiex limitata għal prodotti ta' lussu. Issa saret problema globali li taffettwa kull tip ta' oġġett inkluż firxa kbira ta' prodotti minn sigaretti sa ħwejjeġ u aċċessorji, iżda wkoll prodotti li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà, bħal tagħmir elettroniku, xorb, ikel u mediċini.

Il-falsifikazzjoni u l-piraterija jistgħu jikkawżaw dannu serju lis-soċjetà, lill-ekonomija u lill-konsumaturi. Dan jaffettwa l-kummerċ leġittimu billi jnaqqas il-bejgħ u d-dħul, u konsegwentement jaffettwa l-innovazzjoni, l-investiment u r-riżorsi ddedikati għar-riċerka u l-iżvilupp. Tinkoraġixxi kompetizzjoni inġusta peress li dawk li jiffalsifikaw mhumiex imfixkla minn liġijiet, regolamenti, regoli, taxxi u dazji li l-kumpaniji leġittimi għandhom jobdu. Għaldaqstant dan jaffettwa l-impjieg u jċaħħad il-baġits nazzjonali mit-taxxi u d-dħul tas-sisa. Forsi b'mod aktar serju, il-falsifikazzjoni tista' toħloq riskju sinifikanti għas-saħħa u għas-sigurtà tal-konsumaturi, partikolarment meta wieħed iqis li prodotti bħal tagħmir elettroniku, xorb, prodotti tal-ikel, mediċini u ġugarelli kollha ġew suġġetti għall-falsifikazzjoni.

Pestiċidi ffalsifikati

Każ mill-2010 kien jinvolvi l-manifattura, id-distribuzzjoni u l-provvista illegali ta' sustanzi kimiċi foloz, u potenzjalment perikolużi, li kienu maħsuba għat-trattament tal-ikel u l-ħamrija u għal finijiet agrikoli oħra. Din l-investigazzjoni rriżultat fis-sekwestru mill-awtoritajiet Ġermaniżi ta' 28 tunnellata ta' pestiċidi ffalsifikati li seta' kellhom impatt devastanti fuq is-saħħa pubblika. Is-sekwestru mexa fuq messaġġ ta' twissija mill-Europol, abbażi ta' intelligence miġbura minn każi preċedenti fi Stati Membri oħra u affettwa d-detenturi ta' liċenzji tas-sustanzi kimiċi. L-Europol ikkonsenja rapporti analitiċi u organizza laqgħa operattiva mal-pajjiżi kkonċernati.

Il-messaġġ ta' twissija maħruġ mill-Europol informa wkoll lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi dwar ir-riskji involuti fit-trattament ta' dan it-tip ta' prodott peress li l-punt ta' fjammabbiltà tas-sustanzi kimiċi foloz kien biss 24˚C.

Intelligence u provi miġbura mill-Europol jissuġġerixxu li gruppi ta' kriminalità organizzata huma effettivament involuti fil-kummerċ illeċitu ta' prodotti foloz u, sa ċertu punt, fil-piraterija. L-ammont kbir ta' flus iġġenerati mill-attivitajiet illegali tagħhom, miżjud mal-livell baxx ta' penali jew prosekuzzjonijiet effettivi f'dan il-qasam, ipprovda lill-organizzazzjonijiet kriminali bl-opportunità li jagħmlu profitti sostanzjali li mbagħad jappoġġjaw attivitajiet kriminali oħra. Dawn jinkludu konnessjonijiet mal-immigrazzjoni illegali, il-ħasil tal-flus, il-kuntrabandu, it-traffikar tad-droga u l-korruzzjoni.

Għodod iffalsifikati li jaħdmu bl-elettriku

Din l-operazzjoni kienet immirata lejn netwerks Taljani ta' kriminalità organizzata li kienu qed jittraffikaw oġġetti foloz u perikolużi, bħal għodod li jaħdmu bl-elettriku u ġeneraturi.

F'Mejju 2010, aġenziji tal-infurzar tal-liġi minn seba' Stati Membri tal-UE, flimkien mal-Europol u l-Eurojust, ħadu azzjoni maġġuri kontra n-netwerk kriminali.

L-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Kontra l-Mafja ta' Napli kkoordina l-operazzjoni, li wassal għall-arrest ta' disa' individwi mill-Guardia di Finanza, u s-sekwestru ta' materjal u assi li jaqbżu s-EUR 16-il miljun. Din l-operazzjoni kienet l-aktar waħda riċenti minn serje ta' azzjonijiet minn investigazzjoni enormi li damet għaddejja sentejn. Matul azzjonijiet preċedenti, saru 60 arrest u ġew issekwestrati 800 tunnellata ta' prodotti ffalsifikati, li jirrappreżentaw valur ta' EUR 12-il miljun, waqt tiftix f'143 maħżen fil-Belġju, fi Franza u fil-Ġermanja. B'kollox 20 pajjiż tal-UE u tliet pajjiżi li mhumiex fl-UE kienu involuti f'din l-investigazzjoni minn ħafna aġenziji.

3.10. Frodi tal-VAT fl-UE

Il-Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes (MTIC) huwa forma ta' frodi tat-taxxa orrganizzata u sofistikata mwettqa minn kriminali li jattakkaw is-sistemi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-Istati Membri tal-UE. Il-mudell bażiku tal-frodi transnazzjonali intrakomunitarja tal-VAT jinvolvi mill-inqas żewġ Stati Membri.

L-MTIC titwettaq minn kriminali organizzati li jwaqqfu struttura ta' kumpaniji u individwi marbuta flimkien filwaqt li fl-istess ħin jisfruttaw il-partikolaritajiet differenti tas-sistemi fiskali nazzjonali biex jaħbu l-konnessjonijiet reali bejn il-parteċipanti. Dawk involuti fi skemi ta' frodi tal-VAT, li inizjalment ikunu responsabbli mill-ħsara tat-taxxa (l-hekk imsejħa negozjanti nieqsa), joperaw biss għal żmien qasir, xi kultant ġimgħat biss, qabel ma jisparixxu.

Skont l-istimi tal-Kummissjoni Ewropea, il-frodi tal-VAT jiġi jiswa lill-Istati Membri madwar EUR 60 biljun fis-sena. Madankollu l-frodi tal-VAT transkonfinali jew transnazzjonali mhux biss jaffettwa l-interessi ekonomiċi u finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, iżda għandu wkoll impatt fuq in-negozji legali li mbagħad jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-livelli ta' impjieg. Barra dan, il-profitti mill-frodi tal-VAT jistgħu jiffinanzjaw tipi oħra ta' attività kriminali, pereżempju l-kuntrabandu tas-sigaretti jew it-traffikar tad-drogi. L-iskemi huma bbażati fuq tranżazzjonijiet "karużell" virtwali jew reali fejn l-istess "oġġetti" jinbiegħu u jerġgħu jinbiegħu bosta drabi. Ġeneralment dan jissejjaħ frodi karużell tal-VAT.

L-MTIC tradizzjonali bbażata fuq prodotti — li tinvolvi prodotti bħal telefons ċellulari, ċipep tal-kompjuter jew metalli prezzjużi — m'għadhiex l-uniku tħassib. Ġiet irrapportata mutazzjoni ċara fil-frodi tal-MTIC ibbażata fuq is-servizzi, peress li dawk li jwettqu l-frodi wrew l-interess tagħhom f'oġġetti mhux tanġibbli u estendew l-attivitajiet kriminali tagħhom fis-swieq ambjentali u tal-enerġija.

Każ ewlieni ta' frodi tal-VAT instab fil-kummerċ ta' kwoti ta' emissjonijiet jew kwoti ta' unitajiet Ewropej (EUAs). L-Europol jistma li t-telf minħabba frodi ta' kreditu tal-karbonju bejn Ġunju 2008 u Diċembru 2009 kien madwar EUR 5 biljuni. Għaldaqstant twaqqaf proġett apposta mill-Europol biex jikkoordina l-investigazzjonijiet kriminali tal-Istati Membri u jservi bħala pjattaforma għall-iskambju rapidu ta' intelligence f'din l-attività kummerċjali.

Il-proġett ta' analiżi tal-Europol dwar Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes (MTIC) huwa l-uniku database fuq livell tal-UE għall-ħażna ta' informazzjoni kriminali marbuta mal-MTIC. Dan għaliex sar is-sors ewlieni ta' referenza għall-operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi. L-għarfien u d-data maħżuna fl-Europol jippermettu li tiġi żviluppata stampa solida ta' dan il-qasam kriminali u li jiġu identifikati l-aktar miri kriminali prominenti. L-Europol sar ċentru ta' eċċellenza għall-ġlieda kontra l-frodi transkonfinali tal-MITC u ta' reati relatati.

Operazzjoni Blue Sky



© Guardia Civil

F'Marzu 2010, uffiċjali mill-Guardia Civil Spanjola wettqu arresti u tiftix f'ħames postijiet ta' gruppi kriminali apparentament indipendenti li kienu involuti bis-sħiħ fil-frodi tal-kreditu tal-karbonju. Bejn April u Novembru 2009, il-frodi fi Spanja renda lil dawn il-klikek EUR 50 miljun. Ġew arrestati disa' persuni u sar tiftix f'14-il kumpanija f'Madrid, f'Marbella, f'Barċellona u f'Valladolid, fejn ġew issekwestrati flus kontanti, ħardwer tal-kompjuter u dokumenti.

Ftit wara li l-Europol ġie nnotifikat dwar il-każ, ġie prodott rapport analitiku li identifika n-"negozjant nieqes" Spanjol. Din il-kumpanija kienet parti minn grupp internazzjonali konness ma' diversi ktajjen qarrieqa tal-MTIC li qed jiġu kriminalment investigati minn Stati Membri oħra. Ir-rapporti analitiċi tal-Europol ipprovdew ukoll dettalji dwar il-kontijiet rilevanti kollha għan-negozju ta' kwoti ta' unitajiet Ewropej minn reġistri ta' Stati Membri kompluti bid-data relatata kollha ta' tranżazzjonijiet ta' akkwist u provvista tal-EUAs infushom. Dan ipprovda lill-investigaturi Spanjoli l-informazzjoni neċessarja dwar liema postijiet għandhom ikunu fil-mira u mfittxija fil-jum ta' azzjoni.

L-uffiċċju mobbli kien skjerat ukoll mill-Europol fil-bini tal-investigaturi matul il-fażi operattiva. Dan ta l-opportunità li l-investigaturi jwettqu verifiki "fil-ħin reali" kontra databases tal-Europol fuq informazzjoni dwar kumpaniji u individwi maħsuba li huma implikati fil-frodi.

L-Europol jipprovdi appoġġ lill-Istrument ta' Għajnuna Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX) ġestit mill-Kummissjoni Ewropea billi jiġu organizzati seminars bl-għan li jtejbu l-esperjenza u l-prattika tajba bejn l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-prosekuturi minn Stati Membri tal-UE u l-pajjiżi ġirien. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux fl-UE hija essenzjali fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT peress li dawk li jwettqu l-frodi ħafna drabi jaħslu l-profitti miksuba b'mod qarrieqi barra mill-UE.

3.11. Ħasil tal-flus

L-Europol jappoġġja lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-attivitajiet kriminali tal-ħasil tal-flus, b'mod partikolari dawk marbuta mal-analiżi ta' tranżazzjonijiet suspettużi u kwalunkwe intelligence finanzjarju ieħor.

L-Uffiċċju tal-Europol dwar l-Assi Kriminali (ECAB) jgħin lill-investigaturi finanzjarji tal-Istati Membri biex jirrintraċċaw il-qligħ mill-kriminalità, meta l-assi jkunu nħbew barra mill-konfini ġurisdizzjonali tal-investigaturi, iżda fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Operazzjoni Shovel

L-Operazzjoni Shovel iffukat fuq l-attivitajiet ta' grupp ta' kriminalità organizzata estremament vjolenti bbażat fl-Irlanda, involut fit-traffikar tad-drogi u tal-armi tan-nar fl-Ewropa kollha. L-Europol għen lill-Irlanda, lir-Renju Unit, lil Spanja u lill-Belġju jikxfu l-qligħ kriminali marbut mal-attivitajiet kriminali tal-grupp u jgħinu lill-Istati Membri affettwati jżarmaw in-netwerk tagħhom tal-ħasil tal-flus.

L-analiżi pprovduta mill-Europol għenet ukoll biex jiġu identifikati persuni ġodda assoċjati mal-grupp ta' kriminalità organizzata. Matul l-2010, inkisbet prova ġdida u għalkemm l-attivitajiet prinċipali kummerċjali u tan-negozju tal-grupp dehru li mxew lejn Spanja, il-membri ta' profil għoli komplew iwettqu attivitajiet kriminali f'pajjiżi oħra tal-UE.

F'Marzu 2010, ġiet organizzata laqgħa operattiva fil-kwartieri ġenerali tal-Europol biex tiġi ppjanata t-tnedija ta' operazzjoni massiva fl-Irlanda, fi Spanja u fir-Renju Unit. Din il-laqgħa kienet segwita minn laqgħa ta' koordinazzjoni li saret f'April fl-Eurojust, b'rappreżentanti mill-awtoritajiet ġudizzjarji responsabbli. L-operazzjoni seħħet f'Mejju 2010. Minbarra diversi rapporti ta' analiżi magħmula mill-Europol, li ffokaw fuq ir-rwoli differenti fi ħdan il-grupp kriminali kif ukoll l-assi għad-dispożizzjoni tagħhom fl-UE, l-Istati Uniti u l-Asja, l-Europol effettivament sostna l-jum ta' azzjoni simultanjament permezz tal-iskjerament ta' tliet uffiċċji mobbli fl-Irlanda, fi Spanja u fir-Renju Unit. L-uffiċċji mobbli ġew użati bħala kmamar operattivi virtwali li jippermettu lill-investigaturi jwettqu skambju sikur ta' intelligence fil-ħin reali.

Aktar minn 600 biċċa informazzjoni ġew skambjati permezz tal-mezzi tal-Europol. Rappreżentanti mill-pajjiżi involuti kienu preżenti fuq il-post. Aktar minn 700 investigatur kienu involuti u 38 arrest ġew eżegwiti fit-tliet pajjiżi, flimkien ma' bosta tfittxijiet fi djar. Qiegħda ssir analiżi forensika ta' kompjuters, laptops, palms u tagħmir elettroniku ieħor u l-materjal ikkonfiskat ġie evalwat minn timijiet ta' investigazzjoni fl-Istati Membri.

L-Europol jospita s-segretarjat permanenti għan-**Netwerk Intra-Azjendali għall-Irkupru tal-Assi ta' Camden (CARIN)**, li huwa netwerk informali ta' esperti ta' rkupru tal-assi ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi. CARIN attwalment għandu 55 ġurisdizzjoni ta' membri rreġistrati, inklużi s-27 Stati Membri kollha u disa' organizzazzjonijiet internazzjonali. Infurzat tal-liġi wieħed u kuntatt ġudizzjarju wieħed ġew innominati minn kull ġurisdizzjoni, biex jgħinu l-kooperazzjoni transkonfinali għar-rintraċċar, l-iffriżar, is-sekwestru u l-konfiskazzjoni ta' assi kriminali. Dawn il-kuntatti jgħinu bid-domandi ġenerali dwar l-irkupru tal-assi fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom stess, iżda jipprovdu wkoll appoġġ operattiv permezz ta' mezzi legali disponibbli.

Operazzjoni Dracula

Din l-operazzjoni hija mmirata lejn il-gruppi Rumeni ta' kriminalità organizzata li joperaw f'diversi pajjiżi tal-UE — l-Awstrija, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, l-Isvezja fost l-oħrajn — u wkoll fi New Zealand, l-Isvizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika. Skont id-Direttorat tal-Investigazzjoni tal-Kriminalità Organizzata u t-Terroriżmu Rumen (DIICOT) dan iċ-ċirku kriminali ilu attiv mill-2006, u jwettaq offerti frodulenti fuq l-Internet. In-netwerks kriminali kienu involuti f'diversi attivitajiet kriminali li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: bejgħ frodulenti ta' oġġetti ineżistenti lil klijenti permezz ta' websajts spoof, siti leġittimi tal-eBay jew ta' rkant oħrajn; phishing; l-użu ta' dokumenti foloz ta' identità biex jinfetħu kontijiet bankarji barra mill-pajjiż ; l-użu ta' karti ta' kreditu ffalsifikati fil-logħob onlajn tal-poker. Servizzi ta' trasferimenti tal-flus tal-Western Union u MoneyGram kienu użati biex jirċievu flus minn vittmi u l-kriminali kkumplimentaw dan billi fetħu kontijiet tal-bank huma stess. Aktar minn 800 vittma ġew identifikati u l-ispiża tar-reat ġiet stmata kważi EUR 1 miljun.

Din kienet operazzjoni konġunta bejn il-forzi tal-pulizija Ċeki, Franċiżi, Rumeni u tal-Istati Uniti bir-rejds u l-arresti prinċipali mwettqa fir-Rumanija. L-uffiċċju mobbli tal-Europol u espert tal-Europol kienu mibgħuta fir-Repubblika Ċeka. Għall-ewwel darba, ġie użat uffiċċju mobbli tas-satellita tal-Europol biex isostni din l-operazzjoni. Kien hemm aktar minn 150 pulizija skjerati fir-Repubblika Ċeka matul ir-rejds, twettqu għexieren ta' tiftix tad-djar u b'kollox ġew arrestati 31 persuna ssuspettata.

L-appoġġ operattiv tal-Europol fuq il-post irriżulta fi tmien taqbiliet perfetti stabbiliti permezz ta' tiftix imwettaq kemm fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol kif ukoll fis-Sistema ta' Indiċi. Rapport intelligence magħmul apposta ġie pprovdut lill-pulizija Ċeka, li serva bħala prova supplementari fit-talba lill-qorti biex iżżomm wieħed mill-persuni ssuspettati f'kustodja.

4. Il-firxa tal-Europol

4.1. Aġenziji tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri tal-UE

Europol għandu konnessjoni ħajja 24 siegħa kuljum mal-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol ibbażati fis-27 Stat Membru tal-UE. Dan l-iskambju permanenti ta' komunikazzjonijiet u ta' data kriminali huwa possibbli bis-saħħa tal-Uffiċċju ta' Kollegament li jinsab fil-kwartieri ġenerali tal-Europol. Dan huwa mod kruċjali u effettiv ta' żamma ta' kuntatt u ta' appoġġ għal madwar 2 miljun uffiċjal tal-infurzar tal-liġi tal-UE u, b'mod aktar importanti, għall-investigaturi interessati kollha li l-operazzjonijiet tagħhom jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ tal-Europol.

Wara li d-Danimarka għalqet gradwalment l-uffiċċji kollha ta' kollegament bilaterali tal-UE tagħha, fl-2010 ddeċidiet li tiffoka l-kooperazzjoni tagħha tal-infurzar tal-liġi permezz tal-Uffiċċji ta' Kollegament Daniżi tal-Europol.



L-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol u n-numru ta' aġenti tal-infurzar tal-liġi tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE.

4.2. Il-kooperazzjoni esterna tal-Europol

L-Europol jikkopera ma' numru ta' sħab tal-UE, u ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet. L-iskambju ta' informazzjoni ma' dawn is-sħab isir fuq il-bażi ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni. Żewġ tipi ta' ftehim jiddeterminaw in-natura tal-kooperazzjoni ma' partijiet terzi. Il-ftehimiet strateġiċi jagħmlu possibbli li ż-żewġ partijiet involuti jiskambjaw l-informazzjoni bl-eċċezzjoni ta' data personali, filwaqt li ftehimiet operattivi jippermettu wkoll l-iskambju ta' data personali.

Il-kooperazzjoni tal-Europol hija vitali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE u barra l-UE, u aġenziji u istituzzjonijiet sħab oħrajn tal-UE.

L-Europol bħalissa jikkopera ma' 17-il-pajjiż barra l-UE, disa' korpi u aġenziji tal-UE u tliet organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, inkluża l-Interpol, li tinsab f'ħafna aspetti tal-ħidma operattiva tal-Europol.

Bħalma għamel fis-snin preċedenti, l-Europol kompla jikkopera mill-qrib ma' aġenziji oħra tal-UE attivi fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Fl-2010, l-Europol ippresieda kooperazzjoni bejn aġenziji tal-ĠAI, li jiġi assenjat fuq bażi ta' rotazzjoni. F'din il-funzjoni, id-Direttur tal-Europol ospita l-Laqgħa Annwali tal-Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI fl-Europol fis-26 ta' Novembru 2010, fil-preżenza ta' CEPOL, l-EMCDDA, l-Eurojust, il-FRA, il-Frontex, is-Sitcen u rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, mis-Segretarjat tal-Kunsill u l-Presidenza Belġjana u Ungeriża. Il-kapijiet tal-aġenziji ffokaw fuq it-titjib tal-kooperazzjoni interazjendali wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u koprew suġġetti, bħall-kontroll demokratiku u kwistjonijiet baġitarji.

Fl-2010, il-kooperazzjoni interazjendali ngħatat spinta ġdida stimulata minn talba mill-Presidenza Svediża. It-talba kienet għal CEPOL, l-Eurojust, l-Europol u l-Frontex biex flimkien jipproduċu evalwazzjoni tal-kooperazzjoni kontinwa tagħhom u biex jipproponu azzjonijiet konkreti għal aktar kooperazzjoni mtejba. Żewġ rapporti ġew ippreżentati lill-Kumitat Permanenti dwar is-Sigurtà Interna (COSI) u, wara l-adozzjoni, issa huma fil-proċess li jiġu implimentati. Dan huwa mistenni li jiġi ffinalizzat sal-aħħar tal-2011. Il-proposti jirrigwardaw kooperazzjoni bilaterali kif ukoll multilaterali u jkopru kwistjonijiet ta' interess komuni, bħall-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet operattivi, governanza u relazzjonijiet esterni, riċerka u żvilupp, taħriġ u għarfien.

L-istabbiliment tal-COSI inkoraġġixxa kuntatti u koordinazzjoni operattiva fost l-aġenziji tal-ĠAI UE. Il-COSI pproduċa dokument magħqud, "L-istat tas-sigurtà interna fl-UE", li kien ibbażat fuq tliet dokumenti strateġiċi: il-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Organizzata (OCTA) tal-Europol u r-Rapport tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu (TE-SAT) fl-UE, u l-Analiżi tar-Riskju Annwali tal-Frontex (ARA). Huwa maħsub li tali valutazzjoni ta' theddid komuni hija vitali għal koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-aġenziji kkonċernati.


© Fotolia

5. Nimxu 'l quddiem

5.1. Strateġiji u għanijiet

L-Europol huwa f'punt ewlieni fl-evoluzzjoni tiegħu, u huwa lest li jieħu postu bħala l-attur ċentrali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi tal-UE. Għall-futur immedjat, l-istrateġija tal-Europol se tkun il-qafas ta' referenza għan-negozju ta' kuljum tiegħu, sabiex jiġi żgurat l-aqwa appoġġ għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi tal-UE.



© Il-Kummissjoni Ewropea

Wara l-istrateġija ambizzjuża tiegħu, l-Europol se jindirizza l-aktar sfidi importanti li għandu quddiemu iżda se jisfrutta wkoll l-opportunitajiet kollha biex jagħmel aktar progress u jwassal benefiċċji tanġibbli. L-istrateġija tiggwida l-Europol fuq triq ippjanata għall-implimentazzjoni tal-għanijiet ewlenin tiegħu billi jikkonsenja sett uniku ta' servizzi operattivi għall-UE fi tliet oqsma ewlenin:

- Biex jiffunzjona bħala ċ-ċentru prinċipali ta' appoġġ tal-UE għall-operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi
  Se jsiru aktar affarijiet biex jiġi mmassimizzat il-valur operattiv tal-informazzjoni miżmuma mill-Europol u biex tiġi rrazzjonalizzata l-kunsinna ta' analiżi u servizzi operattivi oħra. L-Europol qed jieħu rwol ewlieni fl-istabbiliment ta' kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-aġenziji u s-sħab tal-infurzar tal-liġi, inklużi l-Eurojust u l-Interpol.
- Biex isir hub ta' informazzjoni kriminali tal-Unjoni Ewropea
  Il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' lakuni komuni ta' informazzjoni u prijoritajiet għall-investigazzjoni tal-aktar miri kriminali prominenti, hija essenzjali u se tiġi msaħħa. Il-kapaċitajiet uniċi tal-Europol jipprovdu l-opportunità għat-tkabbir bħala "powerhouse ta' informazzjoni" ċentrali fl-UE biex jindirizza dawn il-kwistjonijiet u jibni pjattaforma ta' informazzjoni li kapaċi tiffaċilita reazzjoni operattiva aktar effettiva għat-theddid essenzjali għas-sigurtà. Żvilupp ulterjuri tal-Applikazzjoni tan-Netwerk ta' Skambju Sikur tal-Informazzjoni tal-Europol se jġib lill-Europol eqreb għal-"linja ta' quddiem" tal-infurzar tal-liġi.
- Biex jiżviluppa aktar bħala ċentru tal-UE għal kompetenza tal-infurzar tal-liġi
  L-Europol huwa pijunier ta' tekniki ġodda bbażati fuq l-innovazzjoni u l-aħjar prattika kif ukoll jipprovdi taħriġ ta' kwalità fl-oqsma speċjalizzati, bħall-falsifikazzjoni tal-euro, it-terroriżmu u ż-żarmar tal-laboratorji tad-drogi.
  Aħna se nindirizzaw kwalunkwe lakuni fl-għarfien u l-kompetenza billi niżviluppaw u nippromulgaw l-aħjar prattika, u ngħinu lill-Istati Membri permezz ta' appoġġ, parir u riċerka fl-oqsma ta' taħriġ, appoġġ tekniku, prevenzjoni tal-kriminalità, u metodi u analiżi tekniċi u forensiċi, u proċeduri investigattivi.

5.2. Ħarsa 'l quddiem

Europol kiseb pożizzjoni mtejba fuq il-palk tal-UE, parzjalment grazzi għat-Trattat ta' Lisbona, l-istatus legali ġdid tiegħu (id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Europol), u għall-istrateġija l-ġdida tal-aġenzija stess u l-kapaċitajiet imtejba. Dawn l-iżviluppi kollha jagħmlu lill-Europol imsieħeb uniku ta' kooperazzjoni għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u kontributur importanti għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

L-iskrutinju demokratiku huwa suġġett ieħor ta' importanza kbira għall-Europol. Is-sena 2011 tista' tara aktar titjib f'dan il-qasam li jinbeda fuq il-bażi ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fl-2010 ([9]). It-twaqqif ta' forum konġunt jew interparlamentari permanenti, li jikkonsisti kemm mill-parlamenti nazzjonali kif ukoll mill-kumitati tal-Parlament

([9]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-proċeduri għall-iskrutinju tal-attivitajiet tal-Europol mill-Parlament Ewropew, flimkien mal-Parlamenti nazzjonali (KUMM(2010) 776 finali).

Ewropew responsabbli mill-kwistjonijiet tal-pulizija, huwa wieħed mill-ideat prinċipali tiegħu. Il-Kummissjoni għandha wkoll il-mira li żżid it-trasparenza tal-Europol billi żżid il-komunikazzjoni mal-Parlament Ewropew (PE) u mal-parlamenti nazzjonali, u tiżgura li jirċievu prodotti rilevanti tal-Europol fuq bażi regolari. Dibattitu fil-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (LIBE) dwar l-istrateġija multiannwali tal-Europol u dwar il-programm ta' ħidma annwali tiegħu jista' jkun element ieħor ta' dan l-approċċ il-ġdid. Iż-żjara ta' studju tal-Kumitat tal-LIBE lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Europol li saret f'Ġunju 2010 tista' diġà sservi bħala eżempju prattiku tat-tisħiħ tar-responsabbiltà demokratika u t-trasparenza tal-Europol. Żjarat ta' studju ta' dan it-tip huma meqjusa bħala għodda vitali biex jispjegaw u jippromwovu l-potenzjal tal-Europol, billi jiffokaw fuq l-għodod operattivi tiegħu, l-analiżi tal-intelligence u sistema robusta ta' protezzjoni tad-data.

Bħala aġenzija ewlenija tal-infurzar tal-liġi fl-UE, l-ambizzjoni tal-Europol hija li jħares aktar 'il quddiem biex isib aktar opportunitajiet ħalli jissimplifika l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Opportunitajiet ġodda bħal dawn diġà ġew identifikati u dawn jinkludu l-ħtieġa li:

- tiġi żviluppata leġiżlazzjoni tal-UE fuq iċ-ċiberkriminalità, sabiex tippermetti aktar investigazzjonijiet effettivi appoġġjati minn kompetenza u riżorsi ċentralizzati tal-UE, bħal dawk li jinstabu fl-Europol;
- tiġi mtejba l-analiżi tal-finanzjament tat-terroriżmu bi programm tal-UE li jipprovdi valur miżjud għall-infurzar tal-liġi filwaqt li jiġi żgurat li jinżammu l-istandards tal-UE għall-protezzjoni tad-data;
- tiġi esplorata aħjar il-kooperazzjoni mas-settur privat sabiex inkunu nistgħu nużaw aktar il-kompetenza fuq kwistjonijiet bħaċ-ċiberkriminalità, il-ħasil tal-flus u l-kriminalità tal-proprjetà intellettwali;
- jiġi mobilizzat l-infurzar tal-liġi fl-UE sabiex il-problemi konġunti jiġu trattati b'mod koerenti.

Irrispettivament minn dawn il-possibbiltajiet ġodda ta' politika, l-iskop primarju tal-Europol jibqa' li jappoġġja l-komunità tal-infurzar tal-liġi tal-UE, primarjament biex iwaqqaf u jżarma gruppi ta' kriminalità serja u organizzata u gruppi terroristiċi. Din il-prijorità ma nbidlitx u mhux se tinbidel iżda l-komunità tal-infurzar tal-liġi b'mod ġenerali jenħtieġ tkompli ttejjeb il-politiki, l-għodod u t-tattiċi ħalli tlaħħaq mal-iżviluppi globali u tkun dejjem pass 'il quddiem mill-kriminali.


© Il-Kummissjoni Ewropea

Minħabba s-sofistikazzjoni dejjem akbar tal-attività kriminali, kwalunkwe sforz nazzjonali jew saħansitra lokali biex jindirizza l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu internazzjonali waħdu, se jkun iddestinat li jfalli. Għalhekk, flimkien mal-Istati Membri tal-UE u l-organizzazzjonijiet tas-sħab, l-Europol se jkollu rwol ewlieni dejjem aktar prominenti fil-ħarsien tas-sigurtà interna tal-UE. Europol aktar b'saħħtu jfisser rata ta' suċċess ogħla fl-investigazzjonijiet u protezzjoni aħjar għaċ-ċittadini tal-UE kontra t-theddid tal-kriminalità serja internazzjonali u t-terroriżmu.

Rivista Tal-Europol — Rapport Ġenerali dwar l-Attivitajiet tal-Europol
L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2012 — 60 pp. — 21 x 29.7 ċm

ISSN 1681-1550
ISBN 978-92-95078-13-0
doi:10.2813/26929

QL-AB-11-001-MT-N

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet